



Brussell, 12 ta' Marzu 2026
(OR. en)

05414/1/26
REV 1

LIMITE

CORLX 75
CFSP/PESC 95
COEST 43
FIN 74

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2026/...

ta' ...

**li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward
ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu
l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fis-17 ta' Marzu 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/145/PESK¹.
- (2) Fit-12 ta' Settembru 2025, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2025/1895², u b'hekk għedded il-miżuri previsti fid-Deċiżjoni 2014/145/PESK għal sitt xhur oħra.
- (3) Fir-Riżoluzzjoni ES-11/7 tagħha, adottata fl-24 ta' Frar 2025, l-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti reġgħet fakkret fil-ħtieġa ta' implimentazzjoni sħiħa tar-riżoluzzjonijiet rilevanti tagħha adottati b'rispons għall-aggressjoni kontra l-Ukrajna, b'mod partikolari t-talba tagħha li l-Federazzjoni Russa tirtira minnufih, kompletament u mingħajr kundizzjonijiet il-forzi militari kollha tagħha mit-territorju tal-Ukrajna fil-fruntieri tagħha rikonoxxuti internazzjonalment, u t-talba tagħha għal waqfien immedjat tal-ostilitajiet mill-Federazzjoni Russa kontra l-Ukrajna, b'mod partikolari ta' kwalunkwe attakk kontra persuni ċivili u oġġetti ċivili.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU L 78, 17.3.2014, p. 16, ELI: [http://data.europa.eu/eli/dec/2014/145\(1\)/oj](http://data.europa.eu/eli/dec/2014/145(1)/oj)).

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2025/1895 tat-12 ta' Settembru 2025 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU L, 2025/1895, 15.9.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2025/1895/oj>).

- (4) Sakemm l-azzjonijiet illegali mill-Federazzjoni Russa jkomplu jiksru r-regoli fundamentali tad-dritt internazzjonali, inkluż, b'mod partikolari, il-projbizzjoni fuq l-użu tal-forza minqax fl-Artikolu 2(4) tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, jew tad-dritt umanitarju internazzjonali, huwa xieraq li jinżammu fis-seħħ il-miżuri kollha imposti mill-Unjoni u li jittieħdu miżuri addizzjonali, jekk ikun meħtieġ. Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2014/145/PESK tiġġedded għal sitt xhur oħra.
- (5) Abbażi ta' rieżami mill-Kunsill dwar id-deżinjazzjonijiet individwali li jinsabu fl-Anness tad-Deċiżjoni 2014/145/PESK, jenħtieġ li tiġi aġġornata l-informazzjoni dwar 132 individwu u 77 entità. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-entrati għal ħames persuni deċeduti u għal żewġ persuni oħra jiġihassru minn dak l-Anness.
- (6) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2014/145/PESK tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2014/145/PESK hija emendata kif ġej:

- (1) fl-Artikolu 6, it-tieni paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:
"Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sal-15 ta' Settembru 2026.";
- (2) l-Anness huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President

ANNEX

L-Anness tad-Deċiżjoni 2014/145/PESK huwa emendat kif ġej:

(1) jitħassru l-entrati li jikkonċernaw il-persuni deċeduti li ġejjin:

"493. Pavel Rurikovich КАЧКАЕВ (Павел Рюрикович КАЧКАЕВ)";

"1263. Mohammad Hossein BAGHERI (باقر حسين محمد)";

"1266. Hossein SALAMI (سلامی حسين)";

"1267. Amir Ali HAJIZADEH (حاجيزاده امير على)";

"1341. Sergey Petrovich MAVRIN (Сергей Петрович МАВРИН)";

(2) jitħassru l-entrati li jikkonċernaw il-persuni li ġejjin:

"1201. Maya Nikolaevna BOLOTOVA (imwielda ТОКАРЕВА) (Майя Николаевна БОЛОТОВА (ТОКАРЕВА));

"1870. Niels TROOST";

(3) l-entrati li jikkonċernaw il-persuni u l-entitajiet elenkati hawn taħt huma sostitwiti bl-entrati li ġejjin:

Persuni

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-ejenkar
"3.	Rustam Ilmirovich TEMIRGALIEV (Рустам Ильмирович ТЕМИРГАЛИЕВ) Rustam Ilmyrovych TEMIRHALIEV (Рустам Ильмирович ТЕМИРГАЛИЕВ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 15.8.1976 Post tat-Twelid: Ulan- Ude, Buryat ASSR, Russian SFSR (issa Russian Federation)	Meta kien Viċi Prim Ministru tal-Krimea, Temirgaliev qeda rwol rilevanti fid-deċiżjonijiet meħuda mill-"Kunsill Suprem" rigward ir-"referendum" tas-16 ta' Marzu 2014 kontra l-integrità territorjali tal-Ukrajna. Huwa għamel pressjoni attiva favur l-integrazzjoni tal-Krimea fil-Federazzjoni Russa. Fil-11 ta' Ġunju 2014 huwa rriżenja mill-funzjoni tiegħu bħala "L-Ewwel Viċi Prim Ministru" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Krimea". Direttur Ġenerali tal-Managing Company of the Russian-Chinese Investment Fund for Regional Development. Għadu attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet jew politiki separatisti.	17.3.2014

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
34.	Dmitry Nikolayevich KOZAK (Дмитрий Николаевич КОЗАК)	Sess: raġel Data tat-twelid: 7.11.1958 Post tat-Twelid: Bandurove, Kirovohrad region, Ukrainian SSR, issa Ukraine Nazjonalità: Russa	Eks Viċi Prim Ministru. Responsabbli mis-sorveljanza tal-integrazzjoni tar-"Repubblika Awtonoma tal-Krimea" li ġiet annessa fil-Federazzjoni Russa. Eks Viċi Kap tal-Persunal tal-Amministrazzjoni Presidenzjali tal-Federazzjoni Russa u Mibgħut Speċjali tal-President għall-ġestjoni tal-konflitti fl-Ukrajna.	29.4.2014
40.	Sergei Ivanovich NEVEROV (Сергей Иванович НЕВЕРОВ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 21.12.1961 Post tat-Twelid: Tashtagol, USSR (issa Russian Federation)	Eks Viċi President tad-Duma tal-Istat. Responsabbli mill-introduzzjoni ta' leġislazzjoni biex ir-Repubblika Awtonoma annessa tal-Krimea tiġi integrata fil-Federazzjoni Russa. Membru tad-Duma, eks kap tal-fazzjoni United Russia. Jappoġġa b'mod attiv il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.	29.4.2014

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
43.	<p>German PROKOPIV (Герман ПРОКОПІВ) Herman PROKOPIV (Герман ПРОКОПІВ) (magħruf ukoll bħala Li Van Chol, Ли Ван Чоль) (magħruf ukoll bħala Lee Won Chol)</p>	<p>Sess: raġel Data tat-twelid: 6.7.1993 jew 6.7.1991 Post tat-Twelid: Prague, Czech Republic</p>	<p>Membru attiv tal-"Gwardja ta' Luhansk". Ħa sehem fil-ħtif tal-bini tal-uffiċċju reġjonali tas-Servizz tas-Sigurtà ta' Luhansk. Baqa' għallied militari attiv tal-LNR. Herman Prokopiv (Lee Won Chol) inqabad fuq il-front fi tmiem l-2024 mit-truppi Ukreni u, f'Diċembru 2024, inġhata sentenza ta' tmien snin ħabs minn qorti Ukrena.</p>	29.4.2014

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
63.	<p>Alexander KHODAKOVSKY</p> <p>Oleksandr Serhiyovych KHODAKOVSKYY (KHODAKOVSKYI)</p> <p>(Олександр Сергійович ХОДАКОВСЬКИЙ)</p> <p>Aleksandr Sergeyevich KHODAKOVSKII</p> <p>(Александр Сергеевич ХОДАКОВСКИЙ)</p>	<p>Sess: raġel</p> <p>Data tat-twelid: 18.12.1972</p> <p>Post tat-Twelid: Donetsk, USSR (issa Ukraine)</p>	<p>L-eks hekk imsejjaħ "Ministru għas-Sigurtà tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk", u għalhekk responsabbli għal attivitajiet ta' sigurtà separatisti tal-hekk imsejjaħ "gvern tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Għadu attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet jew politiki separatisti.</p> <p>Kmandant tal-battaljun "Vostok" tal-"Ministeru għall-Affarijiet Interni tal-hekk imsejjaħ Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" li qed jiġġieled f'Mariupol. Mill-2023, Viċi Kap tad-Direttorat Ewlieni tal-Gwardja Russa (Rosgvardia) fl-hekk imsejjaħ "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk".</p> <p>Għalhekk, Alexander Khodakovsky huwa responsabbli għal azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p>	12.7.2014

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
68.	<p>Aleksey Vyacheslavovich KARYAKIN (Алексей Вячеславович КАРЯКИН)</p> <p>Oleksiy Vyacheslavovych KARYAKIN (Олексій В'ячеславович КАРЯКИН)</p>	<p>Sess: raġel</p> <p>Data tat-twelid: 7.4.1980 jew 7.4.1979</p> <p>Post tat-Twelid: Stakhanov, Luhansk region, Ukraine</p>	<p>Sal-25 Marzu 2016 l-hekk imsejjaħ "President tal-Kunsill Suprem tar-Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk", responsabbli għall-attivitajiet "governattivi" separatisti tal-"Kunsill Suprem", responsabbli għat-talba lill-Federazzjoni Russa biex tirrikonoxxi l-indipendenza tar-"Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk".</p> <p>Firmatarju tal-Memorandum ta' Qbil dwar l-"unjoni ta' Novorossiya".</p> <p>Eks membru tal-hekk imsejjaħ "Kunsill tal-Poplu tar-Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk".</p> <p>Għadu attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet jew politiki separatisti</p> <p>Bħalissa, Karyakin huwa President tal-Ferġha Reġjonali tal-Organizzazzjoni Pubblika-Statali l-"Assemblea tal-Popli tar-Russja" tal-hekk imsejjaħ Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk. Huwa qed jiġġieled ukoll fuq il-front fl-Ukrajna bħala parti mis-7th Assault Brigade Russa.</p>	12.7.2014

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
82.	Pavel Yuriyevich GUBAREV (Павел Юрьевич ГУБАРЕВ) Pavlo Yuriyovich GUBARIEV (ГУБАРИЕВ) (Павло Юрійович ГУБАРЕВ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 10.2.1983 (jew 10.3.1983) Post tat-Twelid: Sievierodonetsk, Ukraine	Wieħed minn dawk li jiddeskrivu lilhom infushom bħala mexxejja tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Huwa talab l-intervent Russu fil-Lvant tal-Ukrajna, inkluż permezz tal-iskjerament ta' forzi taż-żamma tal-paċi Russi. Kien assoċjat ma' Igor Strelkov/Girkin li huwa responsabbli għal azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Gubarev kien responsabbli għar-reklutaġġ ta' nies għall-forzi armati tas-separatisti. Responsabbli għat-teħid tal-bini tal-gvern reġjonali f'Donetsk b'forzi pro-Russi u pproklama lilu nnifsu bħala l-"gvernatur tal-poplu".	25.7.2014

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
			<p>Minkejja li ġie arrestat għat-theddid tal-integrità territorjali tal-Ukrajna, u sussegwentement inħeles, huwa kompla jaqdi rwol prominenti f'attivitajiet separatisti, u għaldaqstant qed idgħajjed l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p> <p>Skont id-dikjarazzjoni tiegħu stess, huwa ġġieled fil-Forzi Armati Russi qrib Kiev f'Marzu 2022.</p> <p>F'Ottubru 2022 huwa ddikjara li "l-Ukreni huma poplu Russu" u kompla jxerred propaganda Russa li tippromwovi l-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna.</p> <p>Skont il-posts ta' Gubarev fuq il-media soċjali, huwa nġhaqad mat-truppi Russi perjodikament fl-2022 u fl-2024 biex jiġġieled bl-azzarin fuq il-front.</p>	

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
97.	Vladimir Petrovich KONONOV (magħruf ukoll bħala "Tsar") (Владимир Петрович КОНОНОВ) Volodymyr Petrovych KONONOV (Володимир Петрович КОНОНОВ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 14.10.1974 Post tat-Twelid: Hirske, Luhansk oblast, Ukraine	Mill-14 ta' Awwissu 2014, ħa post Igor Strelkov/Girkin, bħala l-hekk imsejjaħ "Ministru għad-Difiża" tar-"Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Hu maħsub li kellu taħt il-kmand tiegħu diviżjoni ta' ġellieda separatisti f'Donetsk minn April 2014 'l hawn u wiegħed li jsolvi l-kompitu strateġiku li jwaqqaf l-aggressjoni militari tal-Ukrajna. Kononov b'hekk appoġġa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Imneħħi mill-kariga tal-hekk imsejjaħ "Ministru għad-Difiża" f'Settembru 2018. Eks Kap tad-Direttorat għall-Għajnuna Soċjali lil Membri tas-Servizz Irtirati u l-Edukazzjoni Patrijottika, taħt l-hekk imsejjaħ "Kap tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk".	12.9.2014

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
106.	<p>Yuri Leonidovich VOROBIOV</p> <p>(magħruf ukoll bħala Yury Leonidovich VOROBYOV)</p> <p>(Юрий Леонидович ВОРОБЬЕВ)</p>	<p>Data tat-twelid: 2.2.1948</p> <p>Post tat-Twelid: Krasnoyarsk, USSR (illum Russian Federation)</p> <p>Sess: raġel</p>	<p>Membru u Viċi Speaker tal-Kunsill tal-Federazzjoni tal-Federazzjoni Russa, fejn jikkoordina l-ħidma tal-Kumitat tal-Kunsill tal-Federazzjoni dwar id-Difiża u s-Sigurtà, jagħtih struzzjonijiet u jikkontrolla l-eżekuzzjoni ta' dawk l-istruzzjonijiet. Fl-1 ta' Marzu 2014, fil-Kunsill tal-Federazzjoni, Vorobiov appoġġa pubblikament l-iskjerament tal-forzi Russi fl-Ukrajna. Sussegwentement ivvota favur id-digriet relatat.</p> <p>Viċi President tal-Assemblea Parlamentari tal-Unjoni tal-Belarusija u r-Russja.</p> <p>Bħala Membru tal-Kunsill tal-Federazzjoni pparteċipa fir-ratifika tad-deċiżjonijiet tal-gvern dwar it-"Trattat ta' Ħbiberija, Kooperazzjoni u Assistenza Reċiproka bejn il-Federazzjoni Russa u r-'Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk'" u t-"Trattat ta' Ħbiberija, Kooperazzjoni u Assistenza Reċiproka bejn il-Federazzjoni Russa u r-'Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk"'. Fit-22 ta' Frar 2022, fil-Kunsill tal-Federazzjoni, Vorobiov appoġġa l-iskjerament tal-forzi Russi fl-Ukrajna. Fl-4 ta' Ottubru 2022, fil-Kunsill tal-Federazzjoni, Vorobiov appoġġa l-leġislazzjoni biex jiġu annessi r-reġjuni tal-Ukrajna ta' Donetsk, Luhansk, Kherson u Zaporizhzhia.</p>	12.9.2014

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
111.	Vladimir Stepanovich NIKITIN (Владимир Степанович НИКИТИН)	Data tat-twelid: 5.4.1948 Post tat-Twelid: OPOCHKA, USSR (issa Russian Federation) Sess: raġel	Eks membru tad-Duma tal-Istat u eks l-Ewwel Viċi President tal-Kumitat għall-Affarijiet tal-KSI, l-Integrazzjoni Ewrasjatika u r-Relazzjonijiet mal-Kompatrijotti tad-Duma tal-Istat. Fl-20 ta' Marzu 2014, ivvota favur l-abbozz tal-Liġi Kostituzzjonali Federali "dwar l-aċċettazzjoni fil-Federazzjoni Russa tar-'Repubblika tal-Krimea' u l-formazzjoni fil-Federazzjoni Russa ta' suġġetti federali ġodda – ir-'Repubblika tal-Krimea' u l-Belt ta' Status Federali Sevastopol". Eks membru tal-Presidju tal-Kumitat Ċentrali tal-Partit Komunista tal-Federazzjoni Russa. Mexxej tal-moviment pubbliku għalkollox Russu "Russian Concord" li jipprova jorhloq ċivilizzazzjoni Russa unika u jsaħħaħ il-pożizzjoni tar-Russja f'dak li qabel kien l-ispazju Sovjetiku u l-KSI. Direttur tal-Institute of Russian Thought and Chronopolitics.	12.9.2014

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
156.	Svetlana Borisovna SAVCHENKO (Светлана Борисовна САВЧЕНКО)	Data tat-twelid: 24.6.1965 Post tat-Twelid: Bilohirsk, USSR (issa Ukraine) Sess: mara	Eks Membru tad-Duma tal-Istat, eletta mir-"Repubblika Awtonoma tal-Krimea" annessa illegalment. Eks Membru tal-Kumitat tad-Duma dwar il-Kultura. Ilha mill-2012 membru tal-Kunsill Suprem tar-"Repubblika Awtonoma tal-Krimea" u minn Marzu 2014 appoġġat l-integrazzjoni tal-Krimea u Sevastopol annessi illegalment fil-Federazzjoni Russa. F'Settembru 2014 Savchenko ġiet eletta fil-Kunsill tal-Istat tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Krimea". Iddefendiet l-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol bosta drabi fi sqarrijiet pubbliċi, inkluż f'intervisti ppubblikati fuq is-sit web c-pravda.ru fit-2 ta' April 2016 u fl-20 ta' Awwissu 2016. Fl-2014 ingħatat il-ġieħ tal-ordni tal-Istat Russu "Għas-servizzi lil art twelidha" – it-II grad, u fl-2015 ingħatat il-ġieħ tal-ordni "Għal-lealtà għad-dmir" mill-"awtoritajiet" tar-"Repubblika tal-Krimea". Ilha minn Ottubru 2024 il-Kummissarju għad-Drittijiet tat-Tfal fir-"Repubblika tal-Krimea". Għadha attiva fl-appoġġ ta' azzjonijiet u politiki separatisti.	9.11.2016

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
170.	Vladimir Anatolievich ВІДІОВКА / Vladimir Anatolievich ВІДЕВКА (Владимир Анатольевич БІДІВКА) Volodymyr Anatoliyovych ВІДІОВКА (Володимир Анатолійович БІДІОВКА)	Sess: raġel Data tat-twelid: 7.3.1981 Post tat-Twelid: Makiivka, Donetsk Oblast, Ukraine	Eks "President" tal-hekk imsejjaħ "Kunsill tal-Poplu" tal-hekk imsejjaħ "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Billi assumu u aġixxa f'din il-kapaċità, huwa appoġġa u implimenta b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u ddestabilizzaw aktar lill-Ukrajna.	10.12.2018

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
209.	Oleksandr Viktorovich YANUKOVYCH (Олександр Вікторович ЯНУКОВИЧ)	Data tat-twelid: 10.7.1973 Post tat-Twelid: Yenakiyev, Donetsk Oblast, USSR (issa Ukraine) Nazzjonalità: Ukrena, Russa Sess: raġel	Oleksandr Yanukovich huwa negozjant u iben l-eks President tal-Ukrajna Viktor Yanukovich. Matul il-presidenza ta' Viktor Yanukovich u bis-saħħa tar-rabta personali ma' grupp ta' persuni qrib missieru, żviluppa firxa wiesgħa ta' interessi kummerċjali u akkumula ħafna ġid. Għadu jmexxi l-attivitajiet kummerċjali tiegħu fir-reġjun ta' Donbas ikkontrollat mill-gruppi separatisti, speċjalment fis-setturi tal-enerġija, il-faħam, il-konstruzzjoni, il-banek u l-proprjetà immobbli. B'mod partikolari, bis-saħħa ta' rabtiet mill-qrib mas-separatisti favur ir-Russja akkwista assi ekonomiċi ewlenin fl-hekk imsejħa "Repubbliki tal-Poplu ta' Donetsk u Luhansk", fost oħrajn fis-setturi tal-enerġija, il-faħam u l-proprjetà immobbli. Il-battaljun separatista OPLOT (elenkat minn Frar 2015) iproteġa l-proġetti tiegħu ta' żvilupp tal-proprjetà immobbli fl-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk".	4.8.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
			<p>Oleksandr Yanukovich akkwista ċ-ċittadinanza Russa u l-kumpanija tiegħu MAKO Holding ġiet uffiċjalment trasferita għall-ġurisdizzjoni Russa u issa hija rreġistrata f'Donetsk. Qabel it-tranżizzjoni lejn il-ġurisdizzjoni Russa, il-grupp ta' kumpaniji MAKO kien de jure taħt ġurisdizzjoni Ukrena.</p> <p>Għalhekk Oleksandr Yanukovich huwa responsabbli għall-fatt li appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna u wettaq tranżazzjonijiet mal-gruppi separatisti fir-reġjun ta' Donbas tal-Ukrajna.</p> <p>Barra minn hekk huwa assoċjat ma' missieru Viktor Yanukovich, li huwa responsabbli għall-fatt li appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà tal-Istat.</p>	

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elekar
283.	Mikhail Viktorovich ШЧАРОВ (Михаил Викторович ЩАПОВ)	Data tat-twelid: 20.9.1975 Sess: raġel	Eks membru tad-Duma tal-Istat li vvota favur ir-riżoluzzjoni Nru 58243-8 "Dwar l-appell tad-Duma tal-Istat tal-Assemblea Federali tal-Federazzjoni Russa Lill-President tal-Federazzjoni Russa V.V.Putin dwar il-hteġa li tiġi rikonoxxuta r-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk u r-Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk" u għalhekk appoġġa u implimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u ddestabilizzaw aktar lill-Ukrajna.	23.2.2022
297.	Yevgeny Vladimirovich MARKOV (Евгений Владимирович МАРКОВ)	Data tat-twelid: 8.11.1973 Sess: raġel	Eks membru tad-Duma tal-Istat li vvota favur ir-riżoluzzjoni Nru 58243-8 "Dwar l-appell tad-Duma tal-Istat tal-Assemblea Federali tal-Federazzjoni Russa Lill-President tal-Federazzjoni Russa V.V.Putin dwar il-hteġa li tiġi rikonoxxuta r-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk u r-Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk". Yevgeny Markov għalhekk appoġġa u implimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u ddestabilizzaw aktar lill-Ukrajna.	23.2.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
315.	Oleg Anatolevich NILOV (Олег Анатольевич НИЛОВ)	Data tat-twelid: 8.5.1962 Sess: raġel	Eks membru tad-Duma tal-Istat li vvota favur ir-riżoluzzjoni Nru 58243-8 "Dwar l-appell tad-Duma tal-Istat tal-Assemblea Federali tal-Federazzjoni Russa Lill-President tal-Federazzjoni Russa V.V.Putin dwar il-ħtieġa li tiġi rikonoxxuta r-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk u r-Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk". Oleg Nilov għalhekk appoġġa u implimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u ddestabilizzaw aktar lill-Ukrajna.	23.2.2022
362.	Michail Vasilevich TARASENKO (Михаил Васильевич ТАРАСЕНКО)	Data tat-twelid: 21.11.1947 Sess: raġel	Eks membru tad-Duma tal-Istat li vvota favur ir-riżoluzzjoni Nru 58243-8 "Dwar l-appell tad-Duma tal-Istat tal-Assemblea Federali tal-Federazzjoni Russa Lill-President tal-Federazzjoni Russa V.V.Putin dwar il-ħtieġa li tiġi rikonoxxuta r-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk u r-Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk". Michail Tarasenko għalhekk appoġġa u implimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u ddestabilizzaw aktar lill-Ukrajna.	23.2.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
385.	Oleg Vladimirovich SAVCHENKO (Олег Владимирович САВЧЕНКО)	Data tat-twelid: 25.10.1966 Sess: raġel	Eks membru tad-Duma tal-Istat li vvota favur ir-riżoluzzjoni Nru 58243-8 "Dwar l-appell tad-Duma tal-Istat tal-Assemblea Federali tal-Federazzjoni Russa Lill-President tal-Federazzjoni Russa V.V. Putin dwar il-ħtieġa li tiġi rikonoxxuta r-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk u r-Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk". Oleg Savchenko għalhekk appoġġa u implimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u ddestabilizzaw aktar lill-Ukrajna.	23.2.2022
484.	Dmitry Viktorovich ISLAMOV (Дмитрий Викторович ИСЛАМОВ)	Data tat-twelid: 5.12.1977 Sess: raġel	Viċi Ministru għall-Enerġija tal-Federazzjoni Russa. Eks membru tad-Duma tal-Istat li vvota favur ir-riżoluzzjoni Nru 58243-8 "Dwar l-appell tad-Duma tal-Istat tal-Assemblea Federali tal-Federazzjoni Russa Lill-President tal-Federazzjoni Russa V.V. Putin dwar il-ħtieġa li tiġi rikonoxxuta r-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk u r-Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk". Dmitry Islamov għalhekk appoġġa u implimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u ddestabilizzaw aktar lill-Ukrajna.	23.2.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
548.	Evgeny Alexeyevich PERVYSHOV (Евгений Алексеевич ПЕРВЫШОВ)	Data tat-twelid: 4.5.1976 Post tat-Twelid: Krasnodar Sess: raġel	Eks membru tad-Duma tal-Istat li vvota favur ir-riżoluzzjoni Nru 58243-8 "Dwar l-appell tad-Duma tal-Istat tal-Assemblea Federali tal-Federazzjoni Russa Lill-President tal-Federazzjoni Russa V.V.Putin dwar il-ħtieġa li tiġi rikonoxxuta r-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk u r-Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk". Evgeny Pervyshov għalhekk appoġġa u implimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u ddestabilizzaw aktar lill-Ukrajna. Fl-4 ta' Novembru 2024, il-President tal-Federazzjoni Russa ħatru aġent gvernatur tar-Reġjun ta' Tambov. F'Settembru 2025, Evgeny Pervyshov ġie elett gvernatur tar-Reġjun ta' Tambov.	23.2.2022
625.	Aleksandr Mikhaylovich STRELYUKHIN (Александр Михайлович Стрелюхин)	Data tat-twelid: 4.7.1958 Sess: raġel	Viċi gvernatur tar-Reġjun ta' Saratov minn Mejju 2025. Eks membru tad-Duma tal-Istat li rratifika d-deċiżjonijiet tal-gvern dwar it-"Trattat ta' Ħbiberija, Kooperazzjoni u Assistenza Reċiproka bejn il-Federazzjoni Russa u r-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" u t-"Trattat ta' Ħbiberija, Kooperazzjoni u Assistenza Reċiproka bejn il-Federazzjoni Russa u r-Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk".	25.2.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
632.	Alexander Evseyevich KHINSHTEIN (Александр Евсеевич ХИНСШТЕЙН)	Data tat-twelid: 26.10.1974 Sess: raġel	Eks membru tal-Kunsill Federali li rratifika d-deċiżjonijiet tal-gvern dwar it-"Trattat ta' Ħbiberija, Kooperazzjoni u Assistenza Reċiproka bejn il-Federazzjoni Russa u r-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" u t-"Trattat ta' Ħbiberija, Kooperazzjoni u Assistenza Reċiproka bejn il-Federazzjoni Russa u r-Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk". Aġent Gvernatur ta' Kursk Oblast mill-5 ta' Diċembru 2024. F'Settembru 2025, Alexander Khinshtein ġie elett gvernatur tar-Reġjun ta' Kursk.	25.2.2022
634.	Dmitry Anatolievich KHUBEZOV (Дмитрий Анатольевич ХУБЕЗОВ)	Data tat-twelid: 20.12.1971 Sess: raġel	Eks membru tal-Kunsill Federali li rratifika d-deċiżjonijiet tal-gvern dwar it-"Trattat ta' Ħbiberija, Kooperazzjoni u Assistenza Reċiproka bejn il-Federazzjoni Russa u r-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" u t-"Trattat ta' Ħbiberija, Kooperazzjoni u Assistenza Reċiproka bejn il-Federazzjoni Russa u r-Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk". F'Ottubru 2024, Dmitry Khubezov inġhatar Ministru għas-Saħħa u Viċi President tal-Gvern tar-Repubblika ta' Altai.	25.2.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
684.	Alexander Anatolyevich PONOMARENKO (Александр Анатольевич ПОНОМАРЕНКО)	Data tat-twelid: 27.10.1964 Post tat-Twelid: Bilohirsk, eks Ukrainian SSR (issa Ukraine) Funzjoni: Oligarka Russu, l-eks President tal-Bord tal-Ajruport Internazzjonali ta' Sheremetyevo Sess: raġel	Alexander Ponomarenko huwa oligarka Russu u eks President tal-Bord tal-Ajruport Internazzjonali ta' Sheremetyevo, li għadu marbut miegħu bħala azzjonist. Huwa involut fil-finanzjament tal-kumpless tal-palazz viċin Gelendzhik, li jintuża mill-President Putin personalment. Għalhekk Alexander Ponomarenko jappoġġa lil persuni li jieħdu d-deċiżjonijiet fir-Russja li huma responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna, u jibbenefika minnhom.	28.2.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
719.	Alexander Dmitrievich PUMPYANSKY (Александр Дмитриевич ПУМПЯНСКИЙ)	Data tat-twelid: 16.5.1987 Post tat-twelid: Yekaterinburg, USSR (issa Russian Federation) Funzjoni: eks President tal-Bord tad-Diretturi ta' PJSC Pipe Metallurgical Company Nazjonalità: Russa Sess: raġel	Alexander Pumpyansky huwa iben Dmitry Pumpyansky. Dmitry Pumpyansky huwa l-eks President tal-bord tad-diretturi ta' TMK PAO u l-eks President u l-eks membru tal-bord tal-Group Sinara. F'dawk il-kapaċitajiet appoġġa u bbenefika mill-kooperazzjoni mal-awtoritajiet tal-Federazzjoni Russa u -intrapriżi tal-istat, fosthom ferroviji Russi, Gazprom u Rosneft. Irrispettivament mill-allegat bejgħ ta' TMK u Group Sinara, għad għandu rabtiet ma' dawk il-kumpaniji u ra l-valur finanzjarju tiegħu jiżdied b'mod konsiderevoli fl-aħħar sentejn. Minħabba r-relazzjoni familjali tiegħu ma' Dmitry Pumpyansky, Alexander Pumpyansky serva fuq il-Bord tad-Diretturi ta' PJSC Pipe Metallurgical Company u l-Group Sinara. Alexander u Dmitry Pumpyansky għandhom assi sinifikanti in komuni permezz tas-sjieda benefiċjarja aħħarija tagħhom tal-kumpanija azzjonarja Furdberg Holding Limited u pożizzjonijiet ta' responsabbiltà fiha. Alexander Pumpyanskiy għadu jikkondividi l-istess interessi ma' Dmitry Pumpyanskiy, kif juru b'mod partikolari d-drittijiet tiegħu li jiffirma għal diversi kontijiet bankarji miżmuma minn Dmitry Pumpyanskiy.	9.3.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elekar
			<p>B'antiċipazzjoni għall-inklużjoni fl-Anness tad-Deċizzjoni 2014/145/PESK, Alexander u Dmitry Pumpyansky kkoordinaw ir-rispons tagħhom billi simultanjament irriżenjaw il-pożizzjonijiet tagħhom f'PJSC Pipe Metallurgical Company u l-Group Sinara. Minħabba r-relazzjoni tiegħu ma' missieru, Alexander Pumpyansky kiseb benefiċċju finanzjarju sinifikanti minn dawk il-kumpaniji f'dik l-okkażjoni. Minħabba l-iskala tal-benefiċċji li rċieva, Alexander baqa' jibbenefika mill-ammonti li rċieva mill-Group Sinara.</p> <p>Alexander u Dmitry Pumpyansky ikkoordinaw ir-rispons tagħhom aktar għall-miżuri restrittivi tal-Unjoni billi ċedew il-kontroll nominali tal-assi li qabel kienu proprjetà ta' Furdberg Holding Limited lil persuni assoċjati mill-qrib.</p> <p>Alexander Pumpyansky huwa għalhekk membru tal-familja immedjata li jibbenefika minn missieru, Dmitry Pumpyansky, negozjant ewlieni li jopera fir-Russja u involut f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna. Alexander u Dmitry Pumpyansky għadhom jikkordinaw ir-rispons tagħhom għall-miżuri restrittivi tal-Unjoni u l-ġestjoni tal-assi li għandhom in komuni bejniethom.</p>	

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
721.	Andrey Igorevich MELNICHENKO (Андрей Игоревич МЕЛЬНИЧЕНКО)	Data tat-twelid: 8.3.1972 Post tat-Twelid: Gomel, USSR (illum Belarus) Funzjoni: eks direttur mhux eżekuttiv ta' JSC SUEK; eks membru tal-Bord ta' Gvernaturi ta' EuroChem Group Nazzjonalità: Russa, Emiratjana Sess: raġel	Andrey Melnichenko huwa industrijalist Russu li għadu jikkontrolla l-produttur ewlieni tal-fertilizzanti EuroChem Group u l-kumpanija tal-faħam SUEK. Fid-9 ta' Marzu 2022, Melnichenko trasferixxa l-interessi tiegħu f'SUEK u f'EuroChem Group lill-konjuġi tiegħu, Aleksandra Melnichenko. Andrey Melnichenko għadu jibbenefika mill-ġid li trasferixxa lil martu. Il-ġid tiegħu żdied b'mod konsiderevoli ħafna fl-aħħar snin.	9.3.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
			<p>Andrey Melnichenko jappartjeni għaċ-ċirku l-aktar influwenti ta' negozjanti Russi b'rabtiet mill-qrib mal-gvern Russu, kif jidher mill-involviment tiegħu mar-Russian Union of Industrialists and Entrepreneurs, fejn għandu l-pożizzjoni ta' membru tal-Bureau tal-Bord u huwa l-President tal-Kumitat dwar il-Politika dwar il-Klima u r-Regolamentazzjoni tal-Karbonju. Fl-24 ta' Frar 2022, wara l-ewwel stadji tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, Andrey Melnichenko, flimkien ma' 36 negozjant ieħor, iltaqa' mal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin u ma' membri oħra tal-Gvern Russu biex jiddiskutu l-impatt tal-linja ta' azzjoni wara s-sanzjonijiet tal-Punent, u b'hekk wera l-importanza tiegħu bħala negozjant ewlieni fir-Russja. Barra minn hekk, kien fost in-negozjanti Russi ewlenin li pparteċipaw fil-kongress tar-Russian Union of Industrialists and Entrepreneurs f'Marzu 2023, fejn il-President tal-Federazzjoni Russa, Vladimir Putin, għamel diskors u ħeġġeġ lill-biljunarji jipprijoritizzaw il-"patrijottiżmu qabel il-profit". F'April 2024, Melnichenko pparteċipa wkoll fil-kongress tar-Russian Union of Industrialists and Entrepreneurs, fejn il-President tal-Federazzjoni Russa, Vladimir Putin, għamel diskors, fejn iddiskuta l-kooperazzjoni bejn l-istat Russu u l-kumpaniji ewlenin tal-pajjiż.</p>	

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-ejenkar
			Dawk l-elementi juru li Andrey Melnichenko huwa negozjant ewlieni kif ukoll negozjant involut f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tar-Russja, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna.	

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
722.	Dmitry Alexandrovich PUMPYANSKY (magħruf ukoll bħala Dmitry A. PUMPIANSKY) (Дмитрий Александрович ПУМПЯНСКИЙ)	Data tat-twelid: 22.3.1964 Post tat-Twelid: Ulan-Ude, USSR (issa Russian Federation)	Dmitry Pumpyansky huwa negozjant ewlieni Russu li jopera fir-Russja. Fis-sentejn qabel Mejju 2025, il-ġid tiegħu żdied b'mod konsiderevoli ħafna, u dan jikkontrasta mal-affermazzjonijiet tiegħu li ma għadux involut fin-negozju. Dmitri Pumpyansky huwa l-eks President tal-Bord tad-Diretturi ta' TMK PAO u eks President u membru tal-Bord tal-Group Sinara. F'dawk il-kapaċitajiet appoġġa mill-kooperazzjoni mal-awtoritajiet tal-Federazzjoni Russa u intrapriżi tal-istat, fosthom Russian railways, Gazprom u Rosneft, u bbenefika minnhom. Irrispettivament mill-allegat bejgħ ta' TMK u Group Sinara, huwa għad għandu rabtiet ma' dawk il-kumpanniji u ra l-valur finanzjarju tiegħu jżdied b'mod konsiderevoli fl-aħħar sentejn.	9.3.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
		<p>Funzjoni: President ta' Sverdlovsk regional Union of Industrialists and Entrepreneurs (SOSPP); Eks Viċi President tal-Bureau tal-Bord ta' Russian Union of Industrialists and Entrepreneurs; Kopresident tal-RSPP Committee on Industrial Policy and Technical Regulation, issa Committee on Technical Regulation</p> <p>Nazzjonalità: Russa</p> <p>Sess: raġel</p>	<p>Minkejja l-allegat bejgħ ta' TMK, Dmitry Pumpyansky għadu s-sid ta' TMK Steel Holding Limited, il-kumpanija azzjonarja Ċiprijotta għal TMK Group. L-awtoritajiet Ċiprijotti rrifjutaw li jippermettu t-trasferiment tas-sjeda ta' din l-entità.</p> <p>Dawn l-elementi juru li Dmitry Pumpyansky huwa negozjant ewlieni li jopera fir-Russja u negozjant involut f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tar-Russja, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna.</p>	

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
759.	Arsen Suleymanovich FADZAYEV (Арсен Сулейманович ФАДЗАЕВ)	Data tat-twelid: 5.9.1952 Sess: raġel	President tal-Kunsill tal-fergħa tal-Ossezja tat-Tramuntana tal-Partit Politiku Soċjalista "Just Russia-Patriots-for Truth". Eks membru tal-Kunsill Federali tal-Federazzjoni Russa li rratifika d-deċiżjonijiet tal-gvern dwar it-"Trattat ta' Ħbiberija, Kooperazzjoni u Assistenza Reċiproka bejn il-Federazzjoni Russa u r-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" u t-"Trattat ta' Ħbiberija, Kooperazzjoni u Assistenza Reċiproka" bejn il-Federazzjoni Russa u r-Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk". Fid-dikjarazzjonijiet pubbliċi tiegħu Arsen Fadzayev esprima ripetutamente l-appoġġ tiegħu għall-gwerra kontra l-Ukrajna.	9.3.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
852.	Oleg Polikarpovich TKACH (Олег Поликарпович ТКАЧ)	Data tat-twelid: 23.9.1967 Sess: raġel	Eks membru tal-Kunsill tal-Federazzjoni li rratifika d-deċiżjonijiet tal-gvern dwar it-Trattat ta' Ħbiberija, Kooperazzjoni u Assistenza Reċiproka bejn il-Federazzjoni Russa u r-“Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk” u t-“Trattat ta' Ħbiberija, Kooperazzjoni u Assistenza Reċiproka bejn il-Federazzjoni Russa u r-“Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk”. Oleg Tkach huwa l-fundatur tad-dar tal-pubblikazzjoni OLMA, li qabel kienet l-OLMA Media Group. Huwa żamm kontroll u influwenza fuq in-negozju mwettaq mill-OLMA Media Group, u b'mod partikolari d-dar tal-pubblikazzjoni "Enlightenment", li hija parti mill-OLMA Media Group, sakemm il-Gvern tal-Federazzjoni Russa ħa kontroll sħiħ tad-dar tal-pubblikazzjoni f'Settembru 2025. Mill-2022, id-dar tal-pubblikazzjoni "Enlightenment" kienet involuta direttament fil-promozzjoni tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk Oleg Tkach jappoġġa u implimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	9.3.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
880.	<p>German Borisovich KHAN</p> <p>(bir-Russu: Герман Борисович ХАН)</p>	<p>Data tat-twelid: 24.10.1961</p> <p>Post tat-twelid: Kyiv, USSR (issa Ukraine)</p> <p>Funzjoni: negozjant ewlieni qrib Vladimir Putin; wieħed mill-azzjonisti ewlenin ta' Alfa Group</p> <p>Nazzjonalità: Russa</p> <p>Sess: raġel</p> <p>Individwi assoċjati: Vladimir Putin, Mikhail Fridman, Petr Aven, Alexey Kuzmichev</p> <p>Entitajiet assoċjati: Alfa Group, Alfa Bank</p>	<p>German Khan huwa negozjant Russu li għandu relazzjoni mill-qrib mal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin, simili għal sħabu fin-negozju Mikhail Fridman, Petr Aven u Alexey Kuzmichev. F'Marzu 2022, ittrasferixxa l-ishma tiegħu f'ABH Holdings, li tikkontrolla bank Russu ewlieni, Alfa Bank, lil Andrei Kosogov li ilu snin twal sieħbu fin-negozju. Dan it-trasferiment madankollu ġie ddikjarat null u bla effett mill-Bank Nazzjonali tal-Ukrajna.</p> <p>Barra minn hekk, it-trasferiment tal-ishma tiegħu f'A1, li huwa parti mill-Alfa Group, jitqies bħala fittizju.</p> <p>Khan kellu wkoll sehem importanti f'Rosvodokanal, kumpanija oħra ta' Alfa Group u wieħed mill-operaturi privati ewlenin tal-utilitajiet tal-ilma fir-Russja. Huwa wkoll azzjonist tad-ditta tal-investment LetterOne.</p>	15.3.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-ejenkar
			<p>Kompla jimmaniġġa l-assi bbażati fir-Russja ta' Alfa Group. Huwa maħsub li huwa wieħed mill-aktar persuni influwenti fir-Russja. Skambja xi pjaċiri mal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin biex jingħata appoġġ politiku għan-negozju tiegħu u għal qligħ finanzjarju. Barra minn hekk, kien fost in-negozjanti Russi ewlenin li pparteċipaw fil-kongress tar-Russian Union of Industrialists and Entrepreneurs f'Marzu 2023, fejn il-President tal-Federazzjoni Russa, Vladimir Putin, għamel diskors u ħeġġeġ lill-biljunarji jipprijoritizzaw "il-patrijottiżmu qabel il-profit".</p>	

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
			<p>Il-kumpanija tal-assigurazzjoni AlfaStrakhovanie, li hija parti minn Alfa Group Consortium, tipprovdi assicurazzjoni lill-vetturi tas-Servizz Federali tal-Gwardja Nazzjonali tal-Federazzjoni Russa (Rosgvardia), li l-unitajiet tiegħu joperaw fir-reġjuni okkupati tal-Ukrajna taħt il-kontroll tar-Russja, kif ukoll il-vetturi tal-gwardja personali tal-President tal-Federazzjoni Russa, Vladimir Putin. AlfaStrakhovanie pprovdiet ukoll assicurazzjoni lil kumpaniji bħal JSC Kalashnikov Concern u Central Scientific — Research Institute for Precision Machine Engineering (TsNIITochMash), li l-armi tagħhom jintużaw b'mod mifruq mill-militar Russu fl-Ukrajna u ntużaw ukoll matul l-atroċitajiet f'Bucha. Barra minn hekk, X5 Retail Group, kumpanija oħra ta' Alfa Group Consortium, tikkoopera ma' JSC Voentorg, entità soġġetta għal miżuri restrittivi li tipprovdi servizzi ta' catering u ta' ħasil tal-ħwejjeġ, kif ukoll uniformijiet militari, lill-forzi armati tal-Federazzjoni Russa u li s-sussidjarja tagħha tbigħ T-shirts bis-simbolu militari "Z" użat mill-propagandisti Russi biex jipromwovu l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.</p>	

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
			<p>Għalhekk, German Khan huwa negozjant ewlieni li jopera fir-Russja u negozjant involut f' setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna.</p> <p>German Khan jappoġġa wkoll materjalment jew finanzjarjament u jibbenefika minn persuni Russi li jieħdu d-deċiżjonijiet responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea jew għad-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna.</p>	

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
909.	Igor Albertovich KESAEV (Игорь Альбертович КЕСАЕВ)	Data tat-twelid: 30.10.1966 Post tat-Twelid: Vladikavkaz, North Ossetia, USSR (issa Russian Federation) Funzjoni: koproprietarju ta' Mercury Group Nazzjonalità: Russa, Ċiprijotta Sess: raġel	Igor Kesaev huwa koproprietarju ta' Mercury Group, li kien assoċjat ma' Megapolis Group, id-distributur ewlieni tat-tabakk fir-Russja. Skont Forbes, għandu valur nett ta' USD 4,5 biljun. Huwa azzjonist ewlieni f'Mercury Group u Megapolis Group. Igor Kesaev huwa negozjant ewlieni li jopera fir-Russja u negozjant involut f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna.	8.4.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
914.	Sergey Vladimirovich МИХАЙЛОВ (magħruf ukoll bħal Sergei МИХАЙЛОВ) (Сергей МИХАЙЛОВ)	Data tat-twelid: 17.3.1971 Post tat-Twelid: Arkhangelsk, Russian Federation Funzjoni: Eks Direttur Ġenerali tar-Russian News Agency TASS Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Sergey Mikhailov huwa l-eks Direttur Ġenerali tal-aġenzija tal-aħbarijiet TASS, l-akbar aġenzija tal-aħbarijiet Russa, li permezz tan-network enormi tagħha ta' rappreżentanzi barranin, li jinkludi 70 uffiċċju fil-Komunità ta' Stati Indipendenti u 68 uffiċċju madwar id-dinja, ixxerred informazzjoni b'taġħwiġ tal-fatti dwar l-Ukrajna, u b'hekk taqdi l-interessi tat-tmexxija politika tal-Federazzjoni Russa. Sergey Mikhailov għadu attiv fil-media Russa u b'mod partikolari f'organizzazzjonijiet li jaqdu l-interess tal-Federazzjoni Russa u/jew li huma inkarigati mill-Federazzjoni Russa. Il-President Vladimir Putin ta lil Sergey Mikhailov l-Ordni tal-Ħbiberija. Sergey Mikhailov b'hekk jappoġġa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna.	8.4.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
921.	Igor Arkadyevich ROTENBERG (Игорь Аркадьевич РОТЕНБЕРГ)	Data tat-twelid: 9.5.1973 Post tat-Twelid: Leningrad, USSR, (illum St. Petersburg, Russian Federation) Individwi assoċjati: Arkady Rotenberg (missieru), Boris Rotenberg (ziju) Entitajiet assoċjati: il- grupp SGM (Stroygazmontazh) Nazjonalità: Russa Sess: raġel	Igor Rotenberg huwa negozjant prominenti Russu, u l-ewwel iben ta' Arkady Rotenberg. Huwa l-eks sid ta' Gazprom Drilling u eks azzjonist fi Platon Electronic Toll Collection system. Minħabba l-pożizzjonijiet tiegħu fil-passat f'intrapriżi Russi ewlenin li rċevew kuntratti tal-istat kbar u favorevoli, kif ukoll ir-rabtiet tiegħu mill-qrib mal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin, Igor Rotenberg għadu jibbenefika minn persuni li jieħdu d-deċizzjonijiet fir-Russja u mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, it-tnejn responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna. B'mod partikolari, Igor Rotenberg uża r-relazzjonijiet tiegħu ma' persuni li jieħdu d-deċizzjonijiet u mal-Gvern Russu biex iċedi l-ishma tiegħu bl-appoġġ tal-Istat u b'hekk iġġenera profitti sostanzjali kif muri mill-ġid tiegħu li qed jiżdied b'mod kostanti, li permezz tiegħu għadu qed japprofitta mill-pożizzjonijiet li kellu.	8.4.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
			<p>Barra minn hekk, Igor Rotenberg huwa persuna fiżika assoċjata ma' Arkady Rotenberg u mal-President tal-Federazzjoni Russa, Vladimir Putin, it-tnejn li huma elenkati taħt miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p> <p>Għalhekk, Igor Rotenberg ikompli jibbenefika minn persuni li jieħdu d-deċiżjonijiet fir-Russja u mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, it-tnejn responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna.</p>	

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
923.	Anastasia IGNATOVA (Анастасия ИГНАТОВА)	Data tat-twelid: 15.2.1988 Individwi assoċjati: Sergei Chemezov (missierha tar-rispett) Ekaterina Ignatova (ommha) Lyudmila Rukavishnikova (nannitha) Nazjonalità: Russa Sess: mara	Anastasia Ignatova hija bint il-mara ta' Sergei Chemezov, l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv tal-korporazzjoni tal-Istat Rostec (State Corporation for the Promotion of the Development, Manufacture and Export of High Tech Products). Bħala bint il-mara ta' Sergei Chemezov għandha assi kbar u rċeviet benefiċċji oħra assoċjati miegħu anke permezz ta' kumpaniji offshore. Anastasia Ignatova setgħet tibqa' sidt il-jott ta' 85m "Valerie" li jiswa USD 140 miljun (aktar minn RUB 10 biljun) permezz ta' kumpanija tal-Gżejjer Verġni Brittaniċi li jisimha Delima Services Limited, minħabba bejgħ possibbilment fittizju. Barra minn hekk hija l-benefiċjarju ta' kumpaniji offshore b'mijiet ta' miljuni ta' dollari f'assi. Anastasia Ignatova hija membru tal-familja immedjata u persuna fiżika li tibbenefika minn Sergei Chemezov.	8.4.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
934.	Igor Yurievich ANTIPOV (Игорь Юрьевич АНТИПОВ / Igor Юрійович АНТИПОВ)	Data tat-twelid: 26.5.1961 Sess: raġel	L-hekk imsejjaħ aġent "Ministru għall-Infommazzjoni" tal-hekk imsejjaħ "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Billi assumu u aġixxa f'din il-kapaċità, Igor Yurievich Antipov dgħajjed attivament l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	8.4.2022
946.	Igor Nikolaevich HALEPA (Игорь Николаевич ХАЛЕПА / Igor Михайлович ХАЛЕПА)	Data tat-twelid: 19.5.1969 Post tat-Twelid: Kodema, Bakhmutsky District in Donetsk Region, Ukraine NIT: 614322649248. Sess: raġel	L-eks hekk imsejjaħ "Ministru għall-Komunikazzjoni" tal-hekk imsejjaħ "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Billi assumu u aġixxa f'din il-kapaċità, Igor Nikolaevich Halepa dgħajjed attivament l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	8.4.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
947.	Sergei Sergeevich NAUMETS (Сергей Сергеевич НАУМЕЦ / Сергій Сергійович НАУМЕЦЬ)	Data tat-twelid: 13.7.1976 NIT: 890102328015 Sess: raġel	L-eks hekk imsejjaħ "Ministru għall-Kostruzzjoni, l-Akkomodazzjoni u s-Servizzi Komunali" tal-hekk imsejjaħ "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Sergei Naumets ikkontribwixxa b'mod attiv għal battaljun ta' voluntiera li qed jiġġieled f'Mariupol u madwarha f'isem il-forzi armati Russi. Billi assumu u aġixxa f'dawn il-kapaċitajiet, Sergei Naumets b'mod attiv dgħajjef l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	8.4.2022
948.	Dmitriy Viktorovich PODLIPANOV (Дмитрий Викторович ПОДЛИПАНОВ / Дмитро Вікторович ПОДЛИПАНОВ)	Data tat-twelid: 28.11.1964 NIT: 14329655427 Sess: raġel	L-eks hekk imsejjaħ "Ministru għat-Transport" tal-hekk imsejjaħ "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Bħalissa, Podlipanov huwa l-manigier ta' LLC "Dontranslogistik", irreġistrata fl-hekk imsejjaħ "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Din il-kumpanija hija attiva f'is-settur tal-loġistika fl-hekk imsejjaħ "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Billi assumu u aġixxa f'dawk il-kapaċitajiet, Dmitriy Podlipanov b'mod attiv dgħajjef l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	8.4.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
950.	Ruslan Mihajlovich DUBOVSKIY (Руслан Михайлович ДУБОВСКИЙ / Руслан Михайлович ДУБОВСЬКИЙ)	Data tat-twelid: 20.2.1974 NIT: 770876417012 Sess: raġel	L-eks hekk imsejjaħ "Ministru għall-Faħam u l-Enerġija" tal-hekk imsejjaħ "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Bħalissa, Dubovskiy huwa d-direttur ta' PJSC "AP Mine Zhdanovskaya", kumpanija tal-minjieri li topera fl-hekk imsejjaħ "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Billi assumu u aġixxa f'dawk il-kapaċitajiet, Ruslan Dubovskiy b'mod attiv dghajjed l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	8.4.2022
951.	Yana Sergeevna CHAUSOVA (Яна Сергеевна ЧАУСОВА / Яна Сергіївна ЧАУСОВА)	Data tat-twelid: 22.9.1980 NIT: 463402460228 Sess: mara	L-eks hekk imsejjaħ "Ministru għall-Finanzi" tal-hekk imsejjaħ "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk", u Konsulent attwali għall-Kap tal-hekk imsejjaħ "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Billi assumiet din il-kapaċità u aġixxiet fiha, Yana Chausova b'mod attiv dgħajfet l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	8.4.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
952.	Aleksei Vladimirovich POLOVYAN (Алексей Владимирович ПОЛОВЯН / Олексій Володимирович ПОЛОВЯН)	Data tat-twelid: 3.5.1979 NIT: 614326536245 Sess: raġel	L-eks hekk imsejjaħ "Ministru għall-Iżvilupp Ekonomiku" tal-hekk imsejjaħ "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Billi assumu u aġixxa f'din il-kapaċità, Aleksei Polovyan dghajjed attivament l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Aleksei Polovyan bħalissa huwa professur assoċjat fl-Economic Research Institute tal-hekk imsejjaħ "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk".	8.4.2022
953.	Yuriy Nikolaevich SIROVATKO (Юрий Николаевич СИРОВАТКО / Юрій Миколайович СИРОВАТКО)	Data tat-twelid: 17.4.1978 NIT: 615432552593 Sess: raġel	L-eks hekk imsejjaħ "Ministru għall-Ġustizzja" tal-hekk imsejjaħ "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" u Kap attwali tas-Servizz Federali Russu għar-Reġistrazzjoni tal-Istat, il-Katast u l-Kartografija fl-hekk imsejjaħ "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Billi assumu dawk il-kapaċitajiet u aġixxa fihom, Yuriy Sirovatko b'mod attiv dghajjed l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	8.4.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1487.	<p>Vyacheslav Aleksandrovich BOGUSLAYEV</p> <p>magħruf ukoll bħala Vyacheslav Aleksandrovich BOGUSLAEV</p> <p>(Вячеслав Александрович БОГУСЛАЕВ)</p>	<p>Data tat-twelid: 28.10.1938</p> <p>Post tat-Twelid: Oral/Uralsk, USSR (issa Kazakhstan)</p> <p>Funzjoni: Eks President ta' JSC MOTOR SICH; Eks membru tal-parlament Ukren</p> <p>Nazzjonalità: Ukrena, Russa</p> <p>Sess: raġel</p>	<p>Vyacheslav Boguslayev huwa eks deputat Ukren tal-Party of Regions li huwa favur ir-Russja u huwa eks President tal-kumpanija JSC MOTOR SICH, manifattur Ukren tal-magni tal-inġenji tal-ajru. Huwa qed jiġi investigat fl-Ukrajna għall-forniment ta' magni lill-armata Russa biex jiġu prodotti u msewwija ħelikopters tal-ġlied (Mi-8, Mi24, Mi28 u Ka-52), li ntużaw b'mod estensiv matul il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, speċjalment fil-bidu tal-gwerra. Huwa ilu taħt arrest preventiv fl-Ukrajna minn Ottubru 2022.</p> <p>Vyacheslav Boguslayev huwa azzjonist prominenti ta' Losiny Ostrov LLC, kumpanija Russa li hija l-azzjonist maġġoritarju ta' Borisfen JSC, li min-naħa tagħha hija kumpanija Russa attiva fil-qasam tat-tiswija u l-manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru, inkluż vetturi spazjali.</p> <p>Losiny Ostrov LLC hija wkoll azzjonista f'Helicopter Complexes u Multifunctional Systems LLC (magħrufa wkoll bħala: VKMS LLC) u f'Aviaremont-MS LLC, żewġ kumpaniji Russi attivi fil-qasam tal-avjazzjoni.</p> <p>Vyacheslav Boguslayev huwa għalhekk negozjant involut f'settur ekonomiku, is-settur tal-avjazzjoni, li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa.</p>	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
1493.	Alexander Zavenovich АКОПОВ (Александр Завенович АКОПОВ)	<p>Funzjoni: Eks Viċi Uffiċjal Kap Eżekuttiv ta' "National Media Group"; Membru tal-Kunsill Akkademiku tal-Higher School of Economics (HSE)</p> <p>Data tat-twelid: 22.11.1957</p> <p>Post tat-Twelid: Moscow, l-eks USSR (issa Russian Federation)</p> <p>Nazzjonalità: Russa</p> <p>Sess: raġel</p>	<p>Alexander Akopov huwa l-eks Viċi Uffiċjal Eżekuttiv ta' National Media Group (NMG), kumpanija kbira tal-media li tikkontrolla strumenti tal-media li qed ixerrdu b'mod attiv propaganda u diżinformazzjoni relatati mal-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna. Huwa l-eks viċi ta' Svetlana Balanova, il-kap ta' NMG.</p> <p>In-National Media Group huwa l-fundatur ta' 28 intrapriża tal-media fir-Russja, inkluż Channel One, Channel 5, REN TV u STS, 78.ru u oħrajn, il-gazzetta nazzjonali Izvestia, u Delovoy Peterburg. Minbarra li huwa l-Viċi Uffiċjal Kap Eżekuttiv tan-NMG, Alexander Akopov huwa wkoll Uffiċjal Kap Eżekuttiv ta' STS, wieħed mill-istazzjonijiet televiżivi ewlenin tal-kumpanija NMG.</p>	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
		<p>Individwi assoċjati: BALANOVA Svetlana Evgenievna БАЛАНОВА Светлана Евгеньевна Uffiċjal Kap Eżekuttiv ta' "NATIONAL MEDIA GROUP" Elenkata fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK fis-16.12.2022 КАБАҮЕВА Alina Maratovna КАБАЕВА Алина Маратовна</p>	<p>Alexander Akopov huwa membru tal-Kunsill Akkademiku tal-Higher School of Economics (HSE). F'Marzu 2022, ir-Rettur ta' HSE ħabbar li Università ser tiffinanzja l-edukazzjoni, fil-programmi edukattivi ewlenin tagħha, tal-parteċipanti fl-hekk imsejħa "operazzjoni militari speċjali", tat-tfal u l-qraba stretti tagħhom. Barra minn hekk, fl-2025, l-HSE nediet programm ġdid ta' masters iffukat fuq iċ-ċirkomvenzjoni tas-sanzjonijiet internazzjonali, u b'hekk appoġġat lill-Gvern Russu billi ffaċilitat tali ċirkomvenzjoni.</p> <p>Għalhekk, Alexander Akopov qed jappoġġja azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p>	

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-ejenkar
		President tal-Bord tad-Diretturi ta' CJSC National Media Group Elenkat fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK fit-3.6.2022 Entitajiet assoċjati: National Media Group Numru tar-reġistrazzjoni: 1087746152207 Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 7704676655 Indirizz: 119034, Moscow, Prechistenskaya embankment, 13, building 1, Russia		

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elekar
		<p>Elenkat fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK fis-16.12.2022</p> <p>Gas Industry Insurance Company SOGAZ - sid minoritarju ta' REN TV</p> <p>Numru tar-reġistrazzjoni - 1027739820921</p> <p>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa - 7736035485</p> <p>Indirizz: 107078, Moscow, Academician Sakharova Ave., 10, Russia</p> <p>Elenkat fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK fit-28.2.2022</p>		

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elekar
1531.	<p>Yevgeniy Ivanovich DIETRICH</p> <p>magħruf ukoll bħala Yevgeny Ivanovich DITRIKH</p> <p>(Евгений Иванович ДИТРИХ)</p>	<p>Funzjoni: Senatur fil-Kunsill tal-Federazzjoni</p> <p>Eks Direttur Ġenerali ta' JSC GTLK</p> <p>Data tat-twelid: 8.9.1973</p> <p>Post tat-Twelid: Mytishchi, eks USSR (issa Russian Federation)</p> <p>Nazzjonalità: Russa</p> <p>Sess: raġel</p> <p>Entitajiet assoċjati: JSC GTLK</p>	<p>Yevgeniy Dietrich kien ilu Senatur għall-Kunsill tal-Federazzjoni tar-Reġjun ta' Novgorod mill-15 ta' Ottubru 2025.</p> <p>Huwa l-eks direttur ġenerali tal-kumpanija b'ishma konġunti "State Transport Leasing Company" (JSC GTLK), li hija kollha proprjetà tal-Ministeru tat-Trasport tal-Federazzjoni Russa. Bħala kumpanija tal-istat, GTLK qed tibbenefika finanzjarjament mill-Gvern u tipprovdi wkoll servizzi fil-Krimea annessa illegalment u fil-Belt ta' Sevastopol.</p> <p>Billi assumta u aġixxa f'dawn il-kapaċitajiet, Yevgeniy Dietrich huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p>	23.6.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1543.	<p>Irina Anatolyevna AGEEVA</p> <p>(bir-Russu: Ирина Анатольевна АГЕЕВА)</p> <p>(bl-Ukren: Ирина Анатоліївна АГЕСВА)</p>	<p>Funzjoni: Viċi Gvernatur tar-Reġjun ta' Kaluga</p> <p>Kummissarju għad-Drittijiet tat-Tfal fir-Reġjun ta' Kaluga</p> <p>Data tat-twelid: 29.12.1976</p> <p>Nazzjonalità: Russa</p> <p>Sess: mara</p>	<p>Irina Ageeva hija l-Viċi Gvernatur tar-Reġjun ta' Kaluga u l-Kummissarju għad-Drittijiet tat-Tfal fir-Reġjun ta' Kaluga. F'dan ir-rwol, hija waħda mill-aktar persuni involuti fid-deportazzjoni illegali ta' tfal Ukreni lejn ir-Russja u l-adozzjoni tagħhom minn familji Russi. L-azzjonijiet ta' Irina Ageeva jiksru d-drittijiet tat-tfal Ukreni u jiksru l-liġi u l-ordni amministrattiva tal-Ukrajna.</p> <p>Għalhekk, Irina Ageeva hija responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p>	23.6.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1555.	Vladimir Viktorovich SOLODOV (Владимир Викторович СОЛОДОВ)	Funzjoni: Gvernatur ta' Kamchatka Krai tal-Federazzjoni Russa Data tat-twelid: 26.7.1982 Post tat-Twelid: Moscow, l-eks USSR (issa Russian Federation) Sess: raġel	Fir-rwol tiegħu bħala gvernatur ta' Kamchatka Krai, Vladimir Solodov qed jikkontribwixxi għad-deportazzjoni illegali ta' tfal Ukreni. Huwa qed jiffaċilita d-deportazzjoni illegali ta' tfal Ukreni lejn kampijiet li jinsabu fir-reġjun tiegħu. Huwa wieħed mill-mexxejja (reġjonali) għoljin Russi involuti fid-deportazzjoni illegali ta' tfal Ukreni lejn ir-Russja. L-azzjonijiet ta' Solodov jiksru d-drittijiet tat-tfal Ukreni u jiksru l-liġi u l-ordni amministrattiva tal-Ukrajna. Vladimir Solodov ilu membru tal-partit United Russia, il-partit fil-gvern allinjat mal-Kremlin, minn Novembru 2024. Għalhekk, Vladimir Solodov huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna.	23.6.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
1557.	Rinat Nailevich SADYKOV (Ринат Наилевич САДЫКОВ)	<p>Funzjoni: Viċi Prim Ministru tar-Repubblika ta' Tatarstan</p> <p>Eks Ministru għall-Affarijiet taż-Żgħażaġħ tar-Repubblika ta' Tatarstan</p> <p>Data tat-twelid: 18.3.1986</p> <p>Post tat-Twelid: Kazan, eks USSR (illum Russian Federation)</p> <p>Sess: raġel</p>	<p>Rinat Sadykov ilu Viċi Prim Ministru tar-Repubblika ta' Tatarstan minn Settembru 2025. F'din il-kapaċità, Rinat Sadykov huwa responsabbli wkoll għar-restawr ta' Lysychansk u Rubizhne, żewġt ibliet li jinsabu fl-Ukrajna okkupata.</p> <p>Fir-rwol tiegħu bħala Ministru għall-Affarijiet taż-Żgħażaġħ tar-Republic of Tatarstan, Rinat Sadykov ikkontribwixxa għad-deportazzjoni illegali ta' tfal Ukreni. Huwa ffaċilita d-deportazzjoni illegali ta' tfal Ukreni lejn kampijiet li jinsabu fir-reġjun tiegħu, inkluż il-kamp "Miras" fid-distrett ta' Zelenodolsky. Kien wieħed mill-uffiċjali reġjonali involuti fl-ippjanar, l-ibbaġitjar u s-sorveljanza tal-kampijiet f'Tatarstan, li jospitaw gruppi ta' tfal mit-territorji okkupati tal-Ukrajna.</p> <p>Għalhekk, Rinat Sadykov, fir-rwoli attwali u preċedenti tiegħu, huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p>	23.6.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elekar
1560.	Vitaliy Aleksandrovich SUK (Виталий Александрович СУК)	Funzjoni: Direttur ta' Oleshkivskyi Children's Home Data tat-twelid: 12.3.1970 Sess: raġel	Vitaliy Suk huwa d-direttur ta' Oleshkivskyi Children's Home. Huwa kien involut fid-deportazzjoni illegali ta' tfal Ukreni b'diżabilità mill-Kherson Oblast lejn il-Krimea, annessa illegalment, u lejn territorji oħra tal-Ukrajna li jinsabu taħt il-kontroll tar-Russja. Xi wħud minn dawk it-tfal intbagħtu fi djar għal tfal b'diżabilità fir-Russja kollha. L-azzjonijiet tiegħu jiksru l-liġi u l-ordni amministrattiva tal-Ukrajna u jiksru d-drittijiet tat-tfal Ukreni. Għalhekk, Vitaliy Suk huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna.	23.6.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elekar
1566.	<p>Andrey Sergeevich IVANAEV</p> <p>magħruf ukoll bħala Andrei Sergeevich IVANAYEV</p> <p>magħruf ukoll bħala Andrey Sergeevich IVANAYEV</p> <p>(Андрей Сергеевич ИВАНАЕВ)</p>	<p>Funzjoni: Kurunell Ġenerali fil-Forzi Armati Russi u kmandant tat-20th Guards Combined Arms Army of the Russian Federation</p> <p>Data tat-twelid: 19.1.1972</p> <p>Post tat-Twelid: Ural'sk, eks USSR (issa Kazakhstan)</p> <p>Sess: raġel</p>	<p>Andrey Ivanaev huwa kurunell ġenerali fil-Forzi Armati Russi. Huwa l-kmandant tat-20th Guards Combined Arms Army tad-Distrett Militari tal-Punent tal-Federazzjoni Russa. F'dan ir-rwol, huwa jikkmanda direttament u għandu influwenza sinifikanti fuq l-iskjerament tal-forzi Russi li jipparteċipaw fil-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna. Matul l-invażjoni tal-Ukrajna fuq skala sħiħa mir-Russja, it-20th Guards Combined Arms Army, immexxija minn Andrey Ivanaev, ikkontribwiet direttament għall-offensiva tar-Russja mid-direzzjoni tal-Grigal.</p> <p>Għalhekk, Andrey Ivanaev huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p> <p>F'Novembru 2024, Andrey Ivanaev inħatar bħala kmandant tar-Russian Eastern Military District. Huwa ġie promoss għall-grad ta' kurunell ġenerali fil-21 ta' Frar 2025.</p>	23.6.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1609.	<p>Илья Dmitrievich MEDVEDEV</p> <p>(Илья Дмитриевич МЕДВЕДЕВ)</p> <p>(Илья Дмитрович МЕДВЕДСВ)</p>	<p>Data tat-twelid: 3.8.1995</p> <p>Post tat-Twelid: Moscow, Russian Federation</p> <p>Nazzjonalità: Russa</p> <p>Sess: raġel</p>	<p>Ilya Medvedev huwa responsabbli għall-ħolqien ta' servizzi diġitali fir-reġjuni Ukreni okkupati illegalment ta' Donetsk, Luhansk, Kherson u Zaporizhzhia. Huwa kkoordinat l-proġett "I am Russian", li għandu l-għan li jipprovdi servizzi governattivi Russi lill-abitanti ta' daww ir-reġjuni, fosthom it-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-proċedura simplifikata għaċ-ċittadinanza Russa, u s-servizzi soċjali.</p> <p>Ilu mill-2022, Ilya Medvedev jaħdem għal affiljat tal-konglomerat tad-difiża Russu Rostec State Corporation. Iservi wkoll bħala kap ta' proġetti għall-partit United Russia.</p> <p>Billi assumu u aġixxa f'din il-kapaċità, Ilya Medvedev qed jappoġġa u jimplementa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p>	18.12.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1610.	Darya Olegovna BORISOVA (Дарья Олеговна БОРИСОВА)	Funzjoni: Direttur taċ- Ċentru Edukattiv u Metodoloġiku "Avangard" Data tat-twelid: 2.5.1990 Post tat-Twelid: Moscow, USSR (issa Russian Federation) Nazjonalità: Russa Sess: mara	Darya Borisova hija d-Direttur taċ-Ċentru Edukattiv u Metodoloġiku "Avangard", organizzazzjoni li ttiprovdi l-hekk imsejħa "edukazzjoni patrijottika", inkluż taħriġ militari bażiku, liż-żgħażaġh tar-Russja, kif ukoll lit-tfal fir-reġjuni okkupati b'mod temporanju fl-Ukrajna. Hija sservi wkoll bħala viċi tad-Duma tal-Belt ta' Moska mill-partit United Russia. Billi assumiet u aġixxiet f'din il-kapaċità, Darya Borisova qed tappoġġa u timplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	18.12.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elekar
1627.	Galina Anatolyevna KATYUSHENKO magħruf ukoll bħala Galina Anatolyevna KATIUSHCHENKO (Галина Анатольевна КАТЮЩЕНКО)	Funzjoni: President tal-Kumitat Elettorali tar-Reġjun ta' Zaporizhzhia Data tat-twelid: 26.11.1971 Post tat-Twelid: Vitebsk, Vitebsk Region, USSR (issa Belarus) Nazzjonalità: Belarussa, Russa Sess: mara	Galina Katyushenko serviet bħala l-President tal-Kumitat Elettorali tar-reġjun ta' Zaporizhzhia minn Marzu 2023. Matul il-mandat tagħha, il-Kumitat kien responsabbli għall-organizzazzjoni ta' elezzjonijiet illegali fir-Reġjun okkupat ta' Zaporizhzhia f'Settembru 2023, u l-elezzjonijiet presidenzjali illegali tar-Russja fl-2024, b'hekk ippruvat tilleġittimizza l-gwerra ta' aggressjoni Russa ta' dik iż-żona. F'dan ir-rwol, Galina Katyushenko qed tappoġġa u timplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	18.12.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
1643.	Alyona Andriivna TROKAI (Альона Андріївна ТРОКАЙ)	Funzjoni: Deputata tal-Assemblea Leġiżlattiva tar-reġjun ta' Zaporizhzhia; Kap tad-Dipartiment tal-Aġitazzjoni u l-Ħidma ta' Propaganda tal-Ferġha Reġjonali ta' Zaporizhzhia tal-Partit "United Russia"	Alyona Trokai hija d-Deputata tal-Assemblea Leġiżlattiva tar-reġjun ta' Zaporizhzhia, u l-Kap tad-Dipartiment tal-Aġitazzjoni u l-Ħidma ta' Propaganda tal-Ferġha Reġjonali ta' Zaporizhzhia tal-Partit "United Russia".	18.12.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
		<p>Eks mexxejja tal-"Movement of the First" fir-reġjun ta' Zaporizhzhia</p> <p>Data tat-twelid: 2.4.1986</p> <p>Nazzjonalità: Ukrena</p> <p>Sess: mara</p>	<p>Alyona Trokai hija wkoll l-eks mexxejja tal-"Movement of the First" fir-reġjun ta' Zaporizhzhia. Il-"Movement of the First" ġie stabbilit fir-Russja bl-appoġġ tal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin u taħt is-superviżjoni tiegħu. L-organizzazzjoni, bl-użu tal-kapaċitajiet tax-xandir televiżiv u tar-radju tagħha stess, għandha l-għan li tmexxi 'l quddiem it-tradizzjonijiet tal-pijunieri Sovjetiċi u tikkontribwixxi b'mod attiv għat-trobbija patrijottika tas-soċjetà Russa kif ukoll għall-iżvilupp ta' sentimenti kontra l-Ukrajna fit-tfal mit-territorji okkupati illegalment mill-Federazzjoni Russa. Fil-pożizzjoni tagħha bħala l-mexxejja tal-"Movement of the First" fir-reġjun ta' Zaporizhzhia, Alyona Trokai bdiet attivitajiet li għandhom l-għan li jappoġġaw il-militar Russu u b'mod ġenerali l-propaganda tal-Federazzjoni Russa. Hija qed twettaq ukoll attivitajiet immirati lejn il-"militarizzazzjoni" tal-edukazzjoni u tinkoraġġixxi l-akkwist ta' passaporti Russi. Fit-30 ta' April 2023, Alyona Trokai rċeviet premju mill-istat Russu, ippreżentat mill-Ewwel Viċi Kap tal-Amministrazzjoni tal-President tal-Federazzjoni Russa Sergey Kiriyyenko. Għalhekk, Alyona Trokai hija responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jipperikolaw u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p>	

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
1644.	Nazariy Anatolyevich DOMANIN (Nazariy Anatoliyovych DOMANIN) (Назари́й Анато́льевич ДОМАНИ́Н)	Funzjoni: Eks president tal-Kunsill tal-Fergħa Reġjonali tal-"Movement of the First" tar-Reġjun ta' Kherson Sess: raġel	Nazariy Domanin huwa l-eks President tal-Kunsill tal-Fergħa Reġjonali tal-"Movement of the First" tar-Reġjun ta' Kherson. Fil-pożizzjoni tiegħu, kien responsabbli għall-implimentazzjoni ta' politiki u ideat li jappoġġaw l-annessjoni Russa tat-territorji okkupati tal-Ukrajna. Il-"Movement of the First" ġie stabbilit fir-Russja bl-appoġġ tal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin u taħt is-superviżjoni tiegħu. L-organizzazzjoni, bl-użu tal-kapaċitajiet tax-xandir televiżiv u tar-radju tagħha stess, għandha l-għan li tmexxi 'l quddiem it-tradizzjonijiet tal-pijunieri Sovjetiċi u tikkontribwixxi b'mod attiv għat-trobbija patrijottika tas-soċjetà Russa kif ukoll għall-iżvilupp ta' sentimenti kontra l-Ukrajna fit-tfal mit-territorji okkupati illegalment mill-Federazzjoni Russa. Għalhekk, Nazariy Domanin, appoġġa u implimenta azzjonijiet u politiki li jipperikolaw u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	18.12.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1653.	Oleksandr Yurievich FEDORKO magħruf ukoll bħala Aleksandr Yurievich FEDORKO (Александр Юрьевич ФЕДОРКО)	Funzjoni: Kurunell Data tat-twelid: 18.12.1968 Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Numru ta' Identifikazzjoni tat- Taxxa: 234703581777	Il-Kurunell Oleksandr Fedorko huwa l-eks Kap tan-924th Unmanned Aerial Vehicle Center (Military Unit 20924), li huwa parti mill-Ministeru għad-Difiża Russu. Il-membri tas-servizz qed jiġu mħarrġa fiċ-Ċentru sabiex il-kumpaniji tal-vettura tal-ajru mingħajr ekwipaġġ (UAV) li qed jiġu fformati fid-Distretti Militari tal-Punent u Ċentrali jsiru kompleti. Fl-istess ħin, iċ-Ċentru huwa involut fit-tlestija ta' testijiet militari ta' kumplessi b'UAVs (Zastava, Navodchik-2, Forpost u Orlan-10) li, mat-tlestija tat-testijiet, jiġu ttrasferiti lill-kumpaniji tal-UAV. In-924th Unmanned Aerial Vehicle Center iħarreġ lill-operaturi tal-UAV għall-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa. Il-Kurunell Oleksandr Fedorko kien qed jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jipperikolaw u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	23.2.2024

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-eljenkar
1661.	<p>Rinat Munzirovich NIGMATDINOV (Ринат Мунзирович НИГМАТДИНОВ)</p>	<p>Funzjoni: Eks Direttur Ġenerali ta' JSC Saratov Radio Instrument Plant Data tat-twelid: 11.4.1979 Sess: raġel Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 580203237828</p>	<p>Rinat Nigmatdinov huwa l-eks Direttur Ġenerali ta' JSC Saratov Radio Instrument Plant. JSC Saratov Radio Instrument Plant hija waħda mill-intrapriżi ewlenin fil-produzzjoni ta' sistemi moderni ta' osservazzjoni tas-sitwazzjoni tas-superfiċje u l-identifikazzjoni tal-miri għall-Flotta Navali Russa. L-impjant huwa parti minn Granit-Electron Concern, li fl-2018 saret parti minn Tactical Missile Armament Corporation. Il-kumpanija tiżviluppa u tipproduċi radars kostali fissi MYS-M1E u MR-10M1E li huma ddiżinjati biex jidentifikaw bastimenti tal-wiċċ u miri ta' veloċità għolja żgħar, u biex jiddeterminaw il-koordinati u n-nazzjonalità tagħhom. Għalhekk, fil-kapaċità tiegħu bħala d-Direttur Ġenerali ta' JSC Saratov Radio Instrument Plant, Rinat Nigmatdinov, qed jappoġġa azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovraniċità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk, qed jappoġġa materjalment u jibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna.</p>	23.2.2024

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
1669.	<p>Andrey Anatolievich ALEKSEYENKO</p> <p>(bir-Russu: Андрей Анатольевич АЛЕКСЕЕВКО;</p> <p>bl-Ukren: Андрій Анатолійович АЛЕКСЕЧКО)</p>	<p>Funzjoni: L-hekk imsejjaħ eks "Chair of the Kherson Military-Civilian Administration"</p> <p>Data tat-twelid: 23.4.1978</p> <p>Post tat-Twelid: Novopokrovskaya, USSR (issa Russian Federation)</p> <p>Nazzjonalità: Russa</p> <p>Sess: raġel</p>	<p>Andrey Alekseyenko ilu l-hekk imsejjaħ eks "President tal-Amministrazzjoni Militari-Ċivili ta' Kherson". Huwa kellu dan ir-rwol, mingħajr il-kunsens tal-awtoritajiet Ukreni, fit-territorji okkupati illegalment tar-Reġjun ta' Kherson u implimenta l-politiki uffiċjali tal-Federazzjoni Russa fir-reġjun.</p> <p>Billi assumu u aġixxa f'din il-kapaċità, Andrey Alekseyenko kien qed jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p>	23.2.2024

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
1670.	<p>Alla Viktorovna BARKHATNOVA</p> <p>(bir-Russu: Алла Викторовна БАРХАТНОВА;</p> <p>bl-Ukren: Алла Вікторівна БАРХАТНОВА)</p>	<p>Funzjoni: L-hekk imsejħa eks "Ministru għax-Xogħol u l-Politika Soċjali" tar-Reġjun ta' Kherson</p> <p>Data tat-twelid: 25.9.1973</p> <p>Post tat-Twelid: Kalinino, USSR (issa Russian Federation)</p> <p>Nazzjonalità: Russa</p> <p>Sess: mara</p>	<p>Alla Barkhatnova hija l-hekk imsejħa eks "Ministru għax-Xogħol u l-Politika Soċjali" tar-Reġjun ta' Kherson. Hija kienet responsabbli mis-sorveljanza tal-integrazzjoni fil-Federazzjoni Russa ta' dawk iż-żoni ta' Kherson li mhumiex taħt il-kontroll tal-Ukrajna, billi timplimenta l-miżuri u l-inizjattivi tal-politika soċjali tar-Russja. Hija kienet involuta wkoll fid-deportazzjoni illegali u r-riedukazzjoni ta' tfal Ukreni, inkluż id-deportazzjoni tagħhom lejn ir-Russja.</p> <p>Billi assumiet u aġixxiet f'din il-kapaċità, Alla Barkhatnova qed tappoġġa u timplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p>	23.2.2024

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1674.	<p>Semyon Alexeyevich MASHKAUTSAN</p> <p>magħruf ukoll bħala: Salah MASHKAUTSAN</p> <p>(Семен Алексеевич МАШКАУЦАН)</p> <p>magħruf ukoll bħala: Салах Алексеевич МАШКАУЦАН)</p>	<p>Funzjoni: L-hekk imsejjaħ eks "Viçi Kap tal-Gvern" u "Ministru tal-Industrija" tar-Reġjun ta' Kherson</p> <p>Data tat-twelid: 2.3.1990</p> <p>Post tat-Twelid: Chelyabinsk, USSR (illum Russian Federation)</p> <p>Nazzjonalità: Russa</p> <p>Sess: raġel</p>	<p>Semyon Mashkautsan huwa l-eks hekk imsejjaħ "Viçi Kap tal-Gvern" u "Ministru għall-Industrija" tar-Reġjun ta' Kherson. Huwa ilu l-hekk imsejjaħ "aġent president tal-gvern" tar-Reġjun ta' Kherson minn Frar 2025. Huwa assuma dawn ir-rwoli, mingħajr il-kunsens tal-awtoritajiet Ukreni, fit-territorji okkupati illegalment tar-Reġjun ta' Kherson u qed jimplimenta l-politiki uffiċjali tal-Federazzjoni Russa fir-reġjun.</p> <p>Billi assuma u aġixxa f'dawn il-kapaċitajiet, Semyon Mashkautsan qed jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p>	23.2.2024

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
1678.	Vladimir Alexandrovich BOBROV (Владимир Александрович БОБРОВ)	Funzjoni: Eks Direttur ta' MG-Flot LLC Nazjonalità: Russa Sess: raġel Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 253902099914	Vladimir Bobrov huwa l-eks Direttur ta' MG-Flot LLC (li qabel kienet magħrufa bħala TransMorFlot LLC). MG-Flot LLC hija kumpanija tat-tbaħħir Russa li tipprova appoġġ loġistiku lill-Ministeru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa. B'mod partikolari, MG-Flot LLC hija involuta f'network ta' trasport militari ta' bastimenti tal-merkanzija Russi li jwasslu armamenti Nord Koreani minn Pyongyang lejn faċilitajiet militari fil-port Russu ta' Dunai. Sussegwentement, il-munizzjonijiet Nord Koreani trasportati minn MG-Flot LLC jiġu ttrasferiti lejn imħażen fuq il-fruntiera tal-Punent tar-Russja biex jintużaw fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Barra minn hekk, bastimenti proprjetà ta' MG-Flot LLC kienu involuti fi vjeggji ta' armi mill-Iran biex jgħinu l-invażjoni fuq skala kbira tal-Ukrajna mir-Russja. Għaldaqstant, fil-kapaċità tiegħu bħala d-Direttur ta' MG-Flot LLC, Vladimir Bobrov qed jappoġġa materjalment lil, u jibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna.	23.2.2024

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1679.	Vladimir Egorovich ZAITSEV magħruf ukoll bħala: Vladimir Yegorovich ZAYTSEV (Владимир Егорович ЗАЙЦЕВ)	Funzjoni: Direttur ta' JSC VNIIRT (magħrufa wkoll bħala All-Russian Research Institute of Radio Engineering) Direttur ta' JSC Npodar (magħrufa wkoll bħala Scientific and Production Association of long range radar named after academician A.L. Mints) Nazjonalità: Russa Sess: raġel Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 504790126749	Vladimir Zaitsev huwa d-Direttur ta' Joint Stock Company (JSC) VNIIRT (magħrufa wkoll bħala All-Russian Research Institute of Radio Engineering). JSC VNIIRT hija intrapriża statali militari-industrijali Russa li tiżviluppa sistemi tar-radar użati mill-Forzi Armati Russi, inkluż sistemi tar-radar użati għas-sistema tal-missili Pantsir-S1 tar-Russja. Barra minn hekk, JSC VNIIRT tagħmel parti mill-grupp Almaz-Antey, manifattur tal-armi Russu proprjetà tal-istat li jiżviluppa sistemi ta' difiża kontra l-inġenji tal-ajru u ta' missili kruċieri għall-militar Russu. Vladimir Zaitsev huwa wkoll id-Direttur Ġenerali ta' JSC Npodar, is-suċċessur ta' AO RTI. Din il-kumpanija taħdem f'teknoloġiji tar-radar u għandha liċenzji mill-Ministeru għall-Industrija u l-Kummerċ tal-Federazzjoni Russa għall-manutenzjoni ta' tagħmir militari. Għaldaqstant, fil-kapaċità tiegħu bħala d-Direttur ta' JSC VNIIRT u JSC Npodar, Vladimir Zaitsev qed jappoġġa materjalment u jibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna. Barra minn hekk, Vladimir Zaitsev huwa assoċjat mal-grupp Almaz-Antey, li qed jappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna.	23.2.2024

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1684.	Mikhail Valentinovich LUKYANOV (Михаил Валентинович ЛУКЪЯНОВ)	Funzjoni: Eks Direttur ta' Oboronlogistics LLC Nazjonalità: Russa Sess: raġel Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 773384195360	Mikhail Lukyanov huwa l-eks Direttur ta' Oboronlogistics LLC. Oboronlogistics LLC hija kumpanija tat-tbajhir stabbilita fil-qafas tal-Ministeru għad-Difiża Russu. Il-kumpanija qed tippovdi appoġġ loġistiku lill-Ministeru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa. B'mod partikolari, Oboronlogistics LLC hija involuta f'network ta' trasport militari ta' bastimenti tal-merkanzija Russi li jwasslu armamenti Nord Koreani minn Pyongyang lejn faċilitajiet militari fil-port Russu ta' Dunai. Sussegwentement, il-munizzjonijiet Nord Koreani ttrasportati minn Oboronlogistics LLC jiġu ttrasferiti lejn imħażen fuq il-fruntiera tal-Punent tar-Russja biex jintużaw fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Mikhail Lukyanov, għalhekk, kien qed jappoġġa materjalment u jibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna.	23.2.2024

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
1685.	Nadezhda Alexandrovna RESHETNEVA (Надежда Александровна РЕШЕТНЕВА)	Funzjoni: President tal-Bord ta' Sovfracht JSC Data tat-twelid: 18.9.1968 Post tat-Twelid: Dnipropetrovsk, USSR Sess: mara Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 772200240825	Nadezhda Reshetneva hija l-President tal-Bord ta' Sovfracht JSC. Sovfracht JSC hija kumpanija tat-tbaħħir Russa li ttiprovdi appoġġ loġistiku lill-Ministeru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa. B'mod partikolari, Sovfracht JSC tiffunzjona bħala ċentrali f'networks ta' trasport militari ta' bastimenti tal-merkanzija Russi li jwasslu armamenti Nord Koreani minn Pyongyang lejn faċilitajiet militari fil-port Russu ta' Dunai. Sussegwentement, il-munizzjon Nord Korean ittrasportat minn Sovfracht JSC jiġi ttrasferit lejn imħażen tal-armi fuq il-fruntiera tal-Punent tar-Russja biex jiġu użati fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk, Nadezhda Reshetneva qed tappoġġa materjalment u tibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna.	23.2.2024

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1687.	Alexey Yurievich BRAGIN (Алексей Чръевич БРАГИН)	Funzjoni: Eks Direttur ta' JSC RIRV (magħrufa wkoll bħala Russian Institute of Radio Navigation and Time) Nazjonalità: Russa Sess: raġel Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 780615807818	Alexey Bragin huwa l-eks Direttur ta' JSC RIRV (magħrufa wkoll bħala Russian Institute of Radio Navigation and Time). JSC RIRV kienet intrapriża statali militari-industrijali Russa li tiżviluppa tagħmir tan-navigazzjoni għas-sistema Russa GLONASS użata mill-Forzi Armati Russi biex iwettqu attakki bi preċiżjoni għolja fuq l-infrastruttura ċivili u militari fl-Ukrajna. Ingħaqdet ma' JSC "Obukhov Plant", parti min-negozju Almaz-Antey, manifattur Russu tal-armi tal-istat li jiżviluppa sistemi ta' difiża u missili kruċieri kontra l-inġenji tal-ajru għall-militar Russu. Għalhekk, Alexey Bragin kien qed jappoġġa materjalment u jibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna. Barra minn hekk, Alexey Bragin kien assoċjat mal-grupp Almaz-Antey, li qed jappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna.	23.2.2024

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
1695.	Alexander Yurievich ZVEREV (Александр Юрьевич ЗВЕРЕВ)	Funzjoni: Eks Uffiċjal Kap Eżekuttiv ta' JSC Zavod Dagdizel Nazjonalità: Russa Sess: raġel Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 121519603488	Alexander Zverev huwa eks Uffiċjal Kap Eżekuttiv ta' JSC Zavod Dagdizel, li hija kumpanija tal-industrija militari involuta fl-iżvilupp u l-produzzjoni ta' armi ta' taħt l-ilma għall-Flotta Navali Russa użati fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. JSC Zavod Dagdizel hija sussidjarja ta' MPO-Gidropribor, li hija parti minn JSC Tactical Missiles Corporation. Fir-rwol tiegħu, Alexander Zverev kien qed jappoġġa u jimplementa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna. Huwa assoċjat ukoll ma' JSC Zavod Dagdizel, MPO-Gidropribor u JSC Tactical Missiles Corporation.	23.2.2024

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1697.	Igor Borisovich PONOMAREV (Игорь Борисович ПОНОМАРЕВ)	Funzjoni: Eks Direttur Ġenerali ta' JSC Concern Granit-Electron Data tat-twelid: 30.10.1964 Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 772631515680	Igor Ponomarev huwa l-eks Direttur Ġenerali ta' JSC Concern Granit-Electron, li tipproduċi sistemi ta' kontroll awtomatiku għall-missili P-800 Oniks (Yakhont), li jintużaw mill-Forzi Armati Russi fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Għalhekk, Igor Ponomarev kien qed jappoġġa u jimplementa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna. Huwa assoċjat ukoll ma' JSC Concern Granit-Electron.	23.2.2024

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
1699.	Igor Yurievich AFANASYEV (Игорь Юрьевич АФАНАСЬЕВ)	Funzjoni: Direttur Ġenerali ta' JSC NPO Elektromashina Data tat-twelid: 7.9.1968 Post tat-Twelid: Moscow, USSR (issa Russian Federation) Nazzjonalità: Russa NIT: 772375218154 Sess: raġel	Igor Afanasyev huwa d-Direttur Ġenerali ta' JSC NPO Elektromashina. NPO Elektromashina tforni tagħmir elettriku għal diversi tipi ta' armi Russi li jintużaw mill-Forzi Armati Russi fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, bħal KamAZ Typhoon, T-72, T-90, BMP-3 u l-proġett "Gibka". Bħala d-Direttur Ġenerali ta' JSC NPO Elektromashina, Igor Yurievich Afanasyev jissodisfa l-ordnijiet mill-Ministeru għad-Difiża Russu. Għalhekk, Igor Afanasyev qed jappoġġa u jimplementa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk, fir-rwol tiegħu, huwa qed jappoġġa materjalment u jibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	23.2.2024

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
1700.	Yuri Konstantinovich ISAEV (Юрий Константинович ИСАЕВ)	Funzjoni: Direttur Ġenerali ta' JSC "Arzamas Scientific Production Enterprise "Temp-Avia Data tat-twelid: 1975 Post tat-Twelid: Arzamas Nazzjonalità: Russa NIT: 524303794814 Sess: raġel	Yuri Isaev huwa Direttur Ġenerali f'kumpanija tal-industrija militari Russa Temp-Avia. Il-kumpanija hija speċjalizzata fil-produzzjoni ta' sistemi ta' navigazzjoni u ta' kontroll awtomatiku, sistemi ta' kontroll inerzjali, unitajiet inerzjali ta' kejl, ġirostabilizzaturi, sensuri ta' informazzjoni primarja, indikaturi tal-pożizzjoni tal-orizzont, u sistemi ta' riżerva integrati ta' strumenti tan-navigazzjoni tat-titjir. Il-partijiet kontraenti huma kumpaniji oħra tal-industrija militari Russa u l-Gvern Russu nnifsu. B'mod partikolari, Temp-Avia tipproduċi l-indikatur bażiku tal-pożizzjoni tal-orizzont AGB-96, li jintuża fuq elikopters Mi-8 tal-Forzi Armati Russi li ntużaw fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk, fir-rwol tiegħu, Yuri Isaev qed jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk, qed jappoġġa materjalment u jibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna.	23.2.2024

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1702.	Dmitry Alexandrovich SKOROPUPOV (Дмитрий Александрович СКОРОПУПОВ)	<p>Funzjoni: Direttur Ġenerali ta' JSC Uralcryomash; Deputat għad-Duma tal-Belt ta' Nizhny Tagil</p> <p>Data tat-twelid: 24.12.1972</p> <p>Post tat-Twelid: Nizhny Tagil, Sverdlovsk Oblast, USSR (issa Russian Federation)</p> <p>Nazzjonalità: Russa NIT: 662305463548 Sess: raġel</p>	<p>Dmitry Skoropupov huwa d-Direttur Ġenerali ta' JSC Uralcryomash. Uralcryomash tforni lill-Ministeru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa skont l-ordni ta' difiża tal-istat tar-Russja. Il-kumpanija tipprovdi soluzzjonijiet għat-trasport tan-naftalen u l-ossiġenu għall-Vostochny Cosmodrome ta' Roscosmos. Fil-Vostochny Cosmodrome, jiġu varati s-satelliti għall-Forzi Armati Russi biex jidentifikaw miri fil-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna. Barra minn hekk, bħala Deputat li ilu żmien twil tad-Duma għall-belt ta' Nizhny Tagil, huwa jappoġġa l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna billi jipprovdi assistenza umanitarja tal-hekk imsejħa "Repubbliki tal-Poplu ta' Donetsk u Luhansk".</p> <p>Għalhekk, fir-rwol tiegħu, Dmitry Skoropupov qed jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk, qed jappoġġa materjalment u jibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna.</p>	23.2.2024

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1703.	Andrey Leonidovich TERLIKOV (Андрей Леонидович ТЕРЛИКОВ)	Funzjoni: Eks Direttur Ġenerali ta' JSC "UKBTM" Data tat-twelid: 22.2.1962 Nazjonalità: Russa Sess: raġel	Andrey Terlikov huwa l-eks Direttur Ġenerali ta' JSC "UKBTM". Il-kumpanija tiżviluppa u timmodernizza t-tankijiet T-72 u T-90 għall-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa, li jintużaw fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk, Andrey Terlikov kien qed jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk, kien qed jappoġġa materjalment u jibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna.	23.2.2024

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elekar
1704.	Boris Yakovlevich VOLOGDIN (Борис Яковлевич ВОЛОГДИН)	Funzjoni: Direttur Ġenerali ta' JSC Tomsk Electrotechnical Plant Data tat-twelid: 22.7.1955 Post tat-Twelid: Aliya village, Chita region, USSR (issa Russian Federation) Nazzjonalità: Russa NIT: 701700134280 Sess: raġel	Boris Vologdin huwa d-Direttur Ġenerali ta' JSC Tomsk Electrotechnical Plant. Il-kumpanija hija fornitur għall-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa. JSC Tomsk Electrotechnical Plant timmodernizza T-90 bil-kooperazzjoni u taħt il-ġestjoni tal-kumpanija omm tagħha Uralvagonzavod. Għalhekk, fir-rwol tiegħu, Boris Vologdin qed jappoġġa u jimplementa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk, qed jappoġġa materjalment u jibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna.	23.2.2024

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
1723.	Grigoriy Igorevich GRIGORIEV (Григорий Игоревич ГРИГОРЬЕВ)	Funzjoni: Direttur Ġenerali u Uffiċjal Kap Eżekuttiv ta' LLC NOVELCO Data tat-twelid: 19.6.1977 Post tat-Twelid: Istra, Russian Federation Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Numru tal-passaport: 721493424	Grigoriy Grigoriev huwa d-Direttur Ġenerali u l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv tal-kumpanija loġistika LLC NOVELCO involuta fl-"importazzjoni parallela" lejn ir-Russja ta' merkanzija li taqa' taħt il-miżuri restrittivi tal-Unjoni. Għalhekk, fil-kapaċità tiegħu bħala d-Direttur Ġenerali u l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv ta' LLC NOVELCO, huwa qed ifixkel b'mod sinifikanti d-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni 2014/512/PESK u tar-Regolament (UE) Nru 833/2014. LLC Novelco tipparteċipa fi proġetti loġistiċi appoġġati federalment u hija aġent għat-trasportatur tal-istat tar-Russja Aeroflot PJSC u rappreżentant iċċertifikat tas-Servizz Doganali Federali. LLC Novelco hija involuta fl-iżvilupp tar-Rotta Marittima Artika u l-modernizzazzjoni tal-loġistika fil-pajjiż kollu. Għalhekk, LLC Novelco hija entità li tappoġġa lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	23.2.2024

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1725.	<p>Pavel Aleksandrovich SLUCHAK</p> <p>(bir-Russu: Павел Александрович СЛУЧАК;</p> <p>bl-Ukren: Павел Александрович СЛУЧАК</p>	<p>Funzjoni: Eks Direttur Ġenerali ta' OJSC Orsha Aircraft Repair Plant</p> <p>Data tat-twelid: 1963</p> <p>Post tat-Twelid: Mozyr, Gomel region, Belarus</p> <p>Nazzjonalità: Belarussa</p> <p>Sess: raġel</p>	<p>Pavel Sluchak huwa l-eks Direttur Ġenerali ta' OJSC Orsha Aircraft Repair Plant. OJSC Orsha Aircraft Repair Plant hija intrapriża tal-istat tal-Belarus li ssewwi u timmodernizza l-inġenji tal-ajru. OJSC Orsha Aircraft Repair Plant tirranġa u timmodernizza l-ħelikopters (Mi-24 u Mi-35) li jintużaw mill-Forzi Armati Russi fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna.</p> <p>Għalhekk,, Pavel Sluchak kien qed jappoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna.</p>	23.2.2024

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
1740.	Olga VOLKOVA (Ольга ВОЛКОВА)	<p>Funzjoni: Kap tal-organizzazzjoni mhux governattiva "Delfini"</p> <p>Data tat-twelid: 9.10.1974</p> <p>Post tat-Twelid: Donetsk, Ukraine</p> <p>NIT: 2731019589</p> <p>Sess: mara</p>	<p>Olga Volkova hija l-Kap tal-organizzazzjoni mhux governattiva "Delfini". F'dan ir-rwol, hija kienet responsabbli għad-deportazzjoni illegali ta' tfal Ukreni mit-territorji okkupati tal-Ukrajna lejn ir-Repubblika tal-Belarussja. Olga Volkova hija waħda mill-persuni ewlenin involuti fid-deportazzjoni bil-forza ta' tfal Ukreni lejn il-Belarussja u l-adozzjoni illegali sussegwenti tagħhom minn familji Russi u Belarussi. Olga Volkova organizzat u ffaċilitat il-moviment tat-tfal mill-Ukrajna lejn il-Belarussja u kkoordinat mal-membri tar-reġim tal-Belarussja biex jiffaċilitaw il-moviment tat-tfal mill-Ukrajna lejn ir-Russja qabel ma jittrasportawhom lejn il-Belarussja. Taħt it-tmexxija ta' Volkova, it-tfal Ukreni jiġu ideoloġikament indottrinati. It-tfal huma mġiegħla jattendu programmi edukattivi li qed jappoġġaw b'mod attiv il-propaganda tal-Istat Russu u jippromwovu l-idea li l-Ukrajna għandha tkun parti integrali mir-Russja. L-azzjonijiet tagħha jiksru d-drittijiet tat-tfal Ukreni u jiksru d-dritt u l-ordni amministrattivi tal-Ukrajna.</p> <p>Għalhekk Olga Volkova qed tappoġġa u timplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p>	23.2.2024

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
1757.	Oleg Valerievich MORGUN (Олег Валерьевич МОРГУН)	Funzjoni: L-hekk imsejjaħ eks "Sindku" ta' Mariupol Data tat-twelid: 19.3.1967 Post tat-Twelid: Sadkivtsi, USSR (illum Ukraine) Nazjonalità: Russa Sess: raġel	Oleg Morgun huwa l-eks hekk imsejjaħ "Sindku" tal-belt ta' Mariupol, li hija taħt il-kontroll u l-okkupazzjoni tal-awtoritajiet Russi. Ilu minn Ġunju 2025 jmexxi l-uffiċċju rappreżentattiv tal-Gvernatur ta' San Pietruburgu f'Mariupol. Billi assumu u aġixxa f'dawn il-kapaċitajiet, Oleg Morgun qed jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	24.6.2024
1785.	Oleg Aleksandrovich EGOROV magħruf ukoll bħala: Oleg Aleksandrovich YEGOROV (Олег Александрович ЕГОРОВ)	Funzjoni: Imħallef tal-Qorti tal-Appell Militari tal-Federazzjoni Russa Nazjonalità: Russa Sess: raġel Data tat-twelid: 1967	Oleg Egorov huwa mħallef tal-Qorti tal-Appell Militari tal-Federazzjoni Russa. Fil-pożizzjoni tiegħu, ħa diversi deċiżjonijiet b'motivazzjoni politika kontra avversarji tal-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol, kif ukoll deċiżjonijiet abbażi ta' raġunijiet reliġjużi. B'mod partikolari, Oleg Egorov mexxa l-prosekuzzjoni kontra Rustem Seytmemetov, Osman Seytumerov, Seytumer Seytumerov u prigionieri politiċi oħra. Għalhekk Oleg Egorov qed jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	24.6.2024

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
1807.	Roman Viktorovich TROTSENKO (Роман Викторович ТРОЦЕНКО)	Funzjoni: Imprenditur Russu; konsulent tal-President tal-kumpanija tal-Istat Rosneft Igor Sechin; fundatur u koproprietarju tal-kumpanija ta' investment AEON Corporation; Direttur ta' Geopromining Investment (CYP) Limited Nazzjonalità: Russa Data tat-twelid: 9.12.1970	Roman Trotsenko huwa negozjant ewlieni li jopera fir-Russja, b'interessi kummerċjali f'kumpaniji tal-minerali tal-ħadid u tal-azzar, tal-faħam, tal-infrastruttura u tal-enerġija, meqjus bħala wieħed mill-aktar persuni sinjuri fir-Russja. Huwa azzjonist prominenti f'AEON Corporation u Vorkutagol JSC, li jaħdmu f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. F'Ġunju 2025, ħa sehem fil-Forum Ekonomiku Internazzjonali ta' San Pietruburgu (SPIEF) bħala President tal-Bord tad-Diretturi ta' AEON Corporation. Barra minn hekk, huwa azzjonist indirett importanti ta' Group Russian Energy LLC, permezz tal-parteċipazzjoni azzjonarja tiegħu f'kumpaniji oħra. Roman Trotsenko huwa wkoll azzjonist indirett u huwa involut fil-ġestjoni ta' Novaport Holding. Novaport Holding hija kumpanija azzjonarja li timmaniġġa, fost affarijiet oħra, il-kontroll tal-ishma f'diversi ajruporti reġjonali. Hija proprjetà ta' TES Trans Syberia, li Roman Trotsenko huwa sid benefiċjarju u azzjonist indirett fiha, permezz tal-parteċipazzjoni azzjonarja tiegħu f'AEON AERO LLC, li hija parti mill-istruttura tas-sjeda ta' Novaport Holding.	24.6.2024

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-eljenkar
		Post tat-Twelid: Moscow, USSR (issa Russian Federation) Sess: raġel Numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa: 771500884353/ 771500884353	Għalhekk, Roman Trotsenko huwa negozjant ewlieni li jopera fir-Russja. Barra minn hekk, fid-dawl tal-involviment tiegħu f'setturi ekonomiċi bħall-mineral tal-ħadid u l-azzar, il-faħam, u l-enerġija, huwa involut f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa.	

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
1823.	Vladimir Zografovich AVETISYAN (Владимир Зограбович АВЕТИСЯН)	<p>Funzjoni: Eks Direttur Ġenerali u fundatur ta' LLC RBA-Management</p> <p>Data tat-twelid: 4.5.1955</p> <p>Post tat-Twelid: Chelyabinsk Region, USSR (illum Russian Federation)</p> <p>Nazzjonalità: Russa</p> <p>Sess: raġel</p> <p>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 772005534726</p>	<p>Vladimir Avetisyan huwa l-eks Direttur Ġenerali u fundatur ta' LLC RBA-Management. LLC RBA-Management hija kumpanija maniġerjali Russa li tipprovdi servizzi legali, kontabilistiċi, ta' sigurtà korporattiva u servizzi oħra ta' ġestjoni, u li taħdem ma' klijenti li jispeċjalizzaw fil-provvista ta' komponenti elettroniċi. LLC RBA-Management tiġġestixxi JSC Compel, li tipparteċipa fi skemi ta' importazzjoni għal komponenti elettroniċi u tforni komponenti mikroelettroniċi ta' importanza strateġika lill-industrija Russa, inkluż l-industrija militari. Bħala d-Direttur Ġenerali u fundatur ta' LLC RBA-Management, Vladimir Avetisyan kien responsabbli għall-azzjonijiet tal-kumpanija u għalhekk huwa responsabbli għall-appoġġ materjali lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.</p>	24.6.2024

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1824.	Mikhail Rudolfovich KONTSEREV (Михаил Рудольфович КОНЦЕРЕВ)	<p>Funzjoni: Direttur Ġenerali ta' PJSC TransContainer</p> <p>Data tat-twelid: 11.6.1970</p> <p>Post tat-Twelid: Leningrad, USSR, (illum St. Petersburg, Russian Federation)</p> <p>Nazzjonalità: Russa</p> <p>Sess: raġel</p> <p>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: I781400896256</p>	<p>Mikhail Kontserev huwa d-Direttur Ġenerali ta' Public Joint Stock Company (PJSC) TransContainer. PJSC TransContainer hija kumpanija tat-trasport Russa u l-akbar operatur tal-kontejners ferrovjarji tar-Russja, settur ekonomiku li qed jikber kontinwament fir-Russja. Bħala Direttur Ġenerali, Mikhail Kontserev huwa għalhekk involut f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa.</p> <p>PJSC TransContainer toffri s-servizzi tagħha fit-terminal il-ġdid ta' Alabuga Special Economic Zone (SEZ). Alabuga SEZ ilu jikkoopera mal-Ministeru għad-Difiża u l-Loġistika tal-Forzi Armati Iranjani biex jillocalizza s-sit tal-produzzjoni tad-droni kamikażi Shahed (l-isem tal-verżjoni Russa huwa "Geran").</p>	24.6.2024

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-eljenkar
			<p>Barra minn hekk, il-Federazzjoni Russa hija involuta fi PJSC TransContainer permezz ta' Rosatom. Rosatom, li hija proprjetà tal-istat, hija l-azzjonist ewlieni fil-kumpanija omm ta' TransContainer, Delo Group. PJSC TransContainer qed tgħin fl-iżvilupp tar-Rotta Marittima Artika, li l-operatur tal-infrastruttura tagħha huwa Rosatom.</p> <p>PJSC TransContainer tiffaċilita importazzjonijiet ta' merkanzija militari miċ-Ċina u mir-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea (RDPK). PJSC TransContainer għalhekk tappoġġa lill-Gvern Russu.</p> <p>Għalhekk, fil-kapaċità tiegħu bħala Direttur Ġenerali ta' PJSC TransContainer, Mikhail Kontserev qed jappoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna.</p>	

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1860.	Andrey Yurievich KALYUZHNY bir-Russu: Андрей Юрьевич КАЛЮЖНЫЙ	Funzjoni: Aġent President tal-Bord tal- Korporazzjoni tal-Istat "Donbass Development Corporation" Nazzjonalità: Russa Data tat-twelid: 22.4.1986 Sess: raġel	Andrey Kalyuzhny huwa l-aġent President tal-Bord tal-Korporazzjoni tal-Istat "Donbass Development Corporation", li hija entità mwaqqfa mill-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" biex tiżgura l-iżvilupp ekonomiku tar-reġjun Ukren okkupa mir-Russja. Il-korporazzjoni qed tiffaċilita wkoll l-investiment internazzjonali fir-reġjun u hija responsabbli għall-implimentazzjoni ta' proġetti relatati mal-bini tal-infrastruttura fir-reġjun okkupa, bl-għan ta' aktar integrazzjoni tar-reġjun fir-Russja. Bħala l-aġent President tal-Bord tal-Korporazzjoni tal-Istat "Donbass Development Corporation", Andrey Kalyuzhny huwa għalhekk responsabbli għall-appoġġ jew l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk, huwa assoċjat mal-Korporazzjoni tal-Istat "Donbass Development Corporation".	16.12.2024

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1880.	Evgenii Anatolevich DRONOV bir-Russu: Евгений Анатольевич ДРОНОВ	Funzjoni: Eks Direttur Ġenerali ta' JSC Tula Machine Building Plant; Konsulent freelance dwar Kwistjonijiet Industrijali għall-Gvernatur tar-Reġjun ta' Tula Dmitry Milyaev Data tat-twelid: 20.10.1947 Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Evgenii Dronov kellu l-kariga ta' Direttur Ġenerali ta' JSC Tula Machine Building Plant (magħrufa wkoll bħala Tulamashzavod). JSC Tula Machine Building Plant hija manifattur tad-difiża Russu bi speċjalizzazzjoni fil-produzzjoni ta' tagħmir militari avvanzat, b'mod partikolari fil-qasam tal-armi u s-sistemi tal-artillerija kontra l-inġenji tal-ajru. Il-kumpanija hija responsabbli għall-iżvilupp u l-manifattura ta' diversi sistemi ta' difiża ewlenin, inkluż is-sistema tal-missili u l-artillerija kontra l-inġenji tal-ajru KASHTAN, is-sistema tal-artillerija kontra l-inġenji tal-ajru PALMA, u firxa ta' kanuni awtomatiċi u mitraljatriċijiet ta' 30 mm bħall-Gryazev-Shipunov GSh-6-30 u l-2A72. Dawk is-sistemi huma integrati f'diversi pjattaformi militari, inkluż vetturi tal-ġlied tal-infanterija bħall-BMP-3 u l-BTR-80A, u huma mmuntati wkoll fuq assi strateġiċi bħall-aircraft carrier tal-klassi Kuznetsov.	24.2.2025

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
		Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 710600768047 Entità assoċjata: JSC Tula Machine Building Plant (magħrufa wkoll bħala Tulamashzavod)	Il-prodotti tal-kumpanija ntużaw b'mod attiv f'diversi operazzjonijiet militari, inkluż il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, fejn ġie rrapportat li nqerdu diversi sistemi bħall-vetturi tal-ġlied tal-infanterija BMP-3 u s-sistemi ta' missili mill-wieċ għall-ajru Pantsir-S1. Fil-kapaċità tiegħu bħala Direttur Ġenerali ta' JSC Tula Machine Building Plant, Evgenii Dronov ingħata t-titolu ta' Eroj tal-Ħaddiema tal-Federazzjoni Russa u l-Ordni "Għal Mertu lejn il-Patrija". Għalhekk, Evgenii Dronov qed jappoġġa azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1902.	Alexey Vladislavovich GORSHKOV bir-Russu: Алексей Владиславович ГОРШКОВ	Funzjoni: Direttur Ġenerali ta' JSC 'Scientific Research Institute of Computing Complexes Named After M.A. Kartsev' Nazjonalità: Russa Data tat-twelid: 8.11.1985 Sess: raġel Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 525716364389 Entitajiet assoċjati: JSC 'Scientific Research Institute of Computing Complexes Named After M.A. Kartsev'	Alexey Gorshkov huwa d-Direttur Ġenerali ta' JSC 'Scientific Research Institute of Computing Complexes Named After M.A. Kartsev', istitut ta' riċerka bbażat fir-Russja u involut fl-iżvilupp u l-produzzjoni ta' vetturi tal-ajru mingħajr bdot abbord (UAVs). Dan ipproduċa diversi tipi differenti ta' UAVs, li ġew ittestjati jew ser jiġu ttestjati mill-forzi armati Russi fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Għaldaqstant, bħala d-Direttur Ġenerali ta' JSC 'Scientific Research Institute of Computing Complexes Named After M.A. Kartsev', Alexey Gorshkov qed jappoġġa jew jimplimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk, huwa assoċjat ma' SC 'Scientific Research Institute of Computing Complexes Named After M.A. Kartsev'.	24.2.2025

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
1920.	Vladislav Yevgenyevich LOBAEV bir-Russu: Владислав Евгеньевич ЛОБАЕВ	Funzjoni: wieħed mill-fundaturi u mill-azzjonisti tal-Lobaev group of companies; eks President tal-Fondazzjoni "Lobaev Foundation" Data tat-twelid: 4.4.1972 Post tat-Twelid: Rostov-On-Don, USSR (illum Russian Federation) Nazjonalità: Russa Sess: raġel Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 402911672932	Vladislav Lobaev huwa l-Kap Disinjatur tal-LLC Design Bureau of Integration Systems (LLC KBIS). Huwa wkoll wieħed mill-fundaturi u mill-azzjonisti tal-Lobaev group of companies (inkluż LLC Trading House Lobaev Arms) u l-eks President tal-Fondazzjoni "Lobaev Foundation". "Lobaev Foundation" hija unità tal-Lobaev Group of entities u tiġbor fondi biex tiffinanzja l-proġetti ta' Lobaev Arms. L-azzarini ta' Lobaev Arms jintużaw mill-Forzi Armati Russi fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Billi huwa l-fundatur u azzjonist tal-Lobaev group of companies, Vladislav Lobaev huwa responsabbli għall-azzjonijiet tal-kumpaniji u għalhekk jappoġġa u jibbenefika finanzjarjament mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna.	24.2.2025

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1928.	Alexey Nikolaevich VYAZNIKOV bir-Russu: Алексей Николаевич ВЯЗНИКОВ	Funzjoni: Direttur Ġenerali ta' JSC Central Research Institute "Elektron" Nazjonalità: Russa Data tat-twelid: 13.12.1985 Sess: raġel Numru ta' Identifikazzjoni tat- Taxxa: 352532426650	Alexey Vyaznikov huwa d-Direttur Ġenerali ta' JSC Central Research Institute "Elektron", kumpanija Russa tar-riċerka u l-manifattura, li rebħet kuntratt ta' akkwist mill-gvern għall-iżvilupp u l-produzzjoni ta' komponenti elettroniċi ta' teknoloġija avvanzata għall-industrija tad-difiża Russa. Għalhekk, Alexey Nikolaevich Vyaznikov qed jappoġġa u jibbenefika mill-kumpless militari u industrijali tar-Russja.	20.5.2025

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1931.	Konstantin Yuryevich NIKOLAYEV bir-Russu: Константин Юрьевич НИКОЛАЕВ	Funzjoni: Negozjant Russu Data tat-twelid: 5.3.1971 Post tat-Twelid: Dnipropetrovsk, USSR (illum Ukraine) Nazjonalità: Russa Sess: raġel Numru ta' Identifikazzjoni tat- Taxxa: 771201297011	Konstantin Nikolayev huwa negozjant Russu b'interessi kummerċjali fil-kumplex militari u industrijali Russu. B'mod partikolari, huwagħandu interessi fil-kumpaniji Russi Promtekhnologiya LLC, ScanEx u Tula Cartridge Plant. Dawk il-kumpaniji jikkooperaw mas-servizzi militari u ta' sigurtà Russi, billi jfornulhom hardware militari li ntuża fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Konstantin Nikolayev jaħbi s-sjieda u l-interess tiegħu f'dawk in-negozji, fost oħrajn billi jpoġġi lil martu Svetlana Nikolayeva f'pożizzjonijiet maniġerjali viżibbli. Barra minn hekk, permezz tan-negozji tiegħu huwa ffinanzja lil gruppi merċenarji li qed jiġġieldu għall-Federazzjoni Russa fl-Ukrajna.	20.5.2025

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-eljenkar
			<p>Barra minn hekk, Konstantin Nikolayev huwa direttur maniġerjali f'PJSC ODK-SATURN (PJSC UEC-SATURN), li hija parti mill-United Engine Corporation (PSCJ ODK jew UEC), entità li tikkoopera wkoll mas-servizzi militari u ta' sigurtà Russi, u tipprovdihom hardware militari li ntuża fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.</p> <p>Għalhekk, Konstantin Nikolayev qed jappoġġa u jibbenefika mill-Gvern Russu u qed jappoġġa azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukrajna. Huwa qed jappoġġa wkoll lill-kumpless militari u industrijali tar-Russja, inkluż billi jkun involut fl-iżvilupp, il-produzzjoni jew il-forniment ta' teknoloġija u tagħmir militari.</p>	

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
1938.	Dmitry Vasilevich KUZYAKIN bir-Russu: Дмитрий Васильевич КУЗЯКИН	Funzjoni: Fundatur u koproprietarju ta' LLC 'Center for Integrated Unmanned Solutions' Data tat-twelid: 29.6.1974 Nazjonalità: Russa Sess: raġel Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 501306766736	Dmitry Kuzyakin huwa l-fundatur u koproprietarju ta' LLC 'Center for Integrated Unmanned Solutions', kumpanija li tagħmel parti mill-kompless militari u industrijali Russu. LLC "Center for Integrated Unmanned Solutions" tiegħu ħsieb iċ-ċiklu sħiħ ta' sistemi ta' viżwalizzazzjoni fl-ewwel persuna (FPV) għall-użu fil-ġlied, mit-taħriġ tal-persunal fil-pilotaġġ u l-użu effettiv sal-produzzjoni ta' apparati finali u tagħmir fuq l-art. Ibbażata f'Zhukovsky fl-Oblast ta' Moska, li huwa ċ-ċentru tar-riċerka tal-avjazzjoni Russa, l-LLC "Center for Integrated Unmanned Solutions" tiżviluppa u tipproduċi ingeni tal-ajru mingħajr bdot abbord (UAVs) li jiġu fornuti lill-Forzi Armati Russi u jintużaw fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk, Dmitry Kuzyakin qed jappoġġa materjalment azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukrajna. Huwa qed jappoġġa wkoll lill-kompless militari u industrijali tar-Russja, inkluż billi jkun involut fl-iżvilupp, il-produzzjoni jew il-forniment ta' teknoloġija u tagħmir militari.	20.5.2025

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1952.	Viktor Sergeevich FOFANOV bir-Russa: Виктор Сергеевич ФОФАНОВ	Funzjoni: Direttur Ġenerali ta' LLC Volgotrans Nazjonalità: Russa Data tat-twelid: 12.12.1996 Sess: raġel Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 631630065950	Viktor Fofanov huwa d-Direttur Ġenerali ta' LLC Volgotrans, kumpanija Russa li topera flotta ta' diversi tankers u li tittrasporta bil-baħar żejt mhux maħdum u prodotti taż-żejt, inkluż għal skopijiet ta' esportazzjoni. Is-settur tal-enerġija, speċjalment iż-żejt, jipprovdi dħul sostanzjali lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Għalhekk, bħala d-Direttur Ġenerali ta' LLC Volgotrans, Viktor Fofanov huwa negozjant involut f'settur ekonomiku li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, responsabbli għall-annessjoni illegali tal-Krimea u d-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna. Bħala d-Direttur Ġenerali ta' LLC Volgotrans, Viktor Fofanov huwa assoċjat ma' LLC Volgotrans.	19.7.2025";

Entitajiet

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
"44.	JSC Zaliv Shipyard bir-Russu: Судостроительный завод "Залив" magħrufa wkoll bħala Zaliv Shipyard	Indirizz: 4 Tankistov street, 298310 Kerch, Crimea Sit web: http://zaliv.com Email: press@zalivkerch.com , sess@zalivkerch.com , uzis@zalivkerch.com Numru tar-reġistrazzjoni tal- Istat: 1149102028602 Tel: +7(36561)33055 Numru tar-reġistrazzjoni tat- taxxa: 9111001119 Numru tal-OMI: 1745868	JSC Zaliv Shipyard ipparteċipat b'mod attiv fil-kostruzzjoni ta' linja ferrovjarja ġdida lejn il-Kerch Bridge, li jgħaqqad lir-Russja mal-Krimea annesa illegalment. Għaldaqstant, qed tappoġġa l-konsolidazzjoni tal-Krimea, li ġiet annesa illegalment, mal-Federazzjoni Russa, li min-naħa tagħha tkompli ddgħajjef l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna.	31.7.2018

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
56.	Gas Industry Insurance Company SOGAZ (Акционерное общество "Страховое общество газовой промышленности АО "СОГАЗ")	Indirizz: St. Dobroslobodskaya, 19; 105066, Moscow, Russian Federation Tel: +7 8(495) 234-44-24 +7 8 800 333 0 888 Indirizz legali: Akademika Sakharov Ave., 1, bldg. 10, Moscow, Russian Federation Sit web: https://sogaz.ru Email: sogaz@sogaz.ru ; cf@sogaz.ru OGRN: 1027739820921 Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 7736035485	Il-kumpanija b'ishma konġunti "Gas Industry Insurance Company SOGAZ"assigurat il-kostruzzjoni tal-infrastruttura ferrovjarja li tgħaqqad il-pont fuq l-Istrett ta' Kerch u l-Port ta' Taman u assigurat mill-ġdid il-kostruzzjoni tal-pont fuq l-Istrett ta' Kerch. Għaldaqstant, appoġġat il-konsolidazzjoni tal-Krimea, annessa illegalment, mal-Federazzjoni Russa, li min-naħa tagħha tkompli dgħajfet l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	28.2.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
78.	<p>JSC Baltic Shipbuilding Plant "Yantar"</p> <p>bir-Russu: Прибалтийский судостроительный завод 'Янтарь'</p> <p>magħrufa wkoll bħala Yantar Shipyard</p> <p>magħrufa wkoll bħala Yantar Shipyard JSC</p>	<p>Indirizz: 1 Guskova square, 236005, Kaliningrad, Russian Federation</p> <p>Tel: +7 (4012) 61 30 83</p> <p>Sit web: https://shipyard-yantar.ru/en</p> <p>Email: office@shipyard-yantar.ru</p> <p>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 3900000111</p> <p>Numru tar-reġistrazzjoni tal-Istat: 1023901861213</p> <p>Numru tal-OMI: 1736649</p>	<p>JSC Baltic Shipbuilding Plant "Yantar" (magħrufa bħala Yantar Shipyard) hija parti mill-United Shipbuilding Corporation, konglomerat tal-istat Russu ta' bini tal-bastimenti, li huwa l-fornitur ewlieni tal-bastimenti tal-gwerra militari lill-Forza Navali Russa.</p> <p>Bniet il-proġett 11711 "Pyotr Morgunov" bastiment kbir ta' ħatt l-art, li ntuża mir-Russja matul l-aggressjoni militari mhux provokata kontra l-Ukrajna fl-2022.</p> <p>Għaldaqstant, hija responsabbli għall-fatt li appoġġat materjalment jew finanzjarjament azzjonijiet li dgħajfu jew heddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p>	8.4.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
83.	<p>Joint Stock Company 'State Transport Leasing Company'</p> <p>magħrufa wkoll bħala JSC GTLK</p> <p>magħrufa wkoll bħala State Transport Leasing Company</p> <p>bir-Russu: Акционерное общество “Государственная Транспортная Лизинговая Компания”</p>	<p>Indirizz: 31a Leningradsky Avenue, bldg. #1, Moscow 125284, Russian Federation</p> <p>Indirizz legali: 73 Respublika St., Suite 100, Salekhard, Yamalo-Nenets Autonomous Area, 62900B, Russian Federation</p> <p>Tip ta' entità: Kumpanija tat-trasport</p> <p>Post tar-reġistrazzjoni: Moscow, Russian Federation</p> <p>Data tar-reġistrazzjoni: 19.11.2001</p> <p>Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation</p> <p>Numru tar-Reġistrazzjoni: 1027739407189</p>	<p>JSC GTLK hija intrapriża tal-istat Russu ssorveljata mill-Ministeru għat-Trasport Russu. GTLK topera fit-trasport bl-ajru, bil-baħar u bil-ferrovija, fit-trasport tal-passiġġieri, fil-qasam ta' vetturi u tagħmir speċjali għal kumpaniji domestiċi fl-industrija tat-trasport, u twestaq attivitajiet ta' investiment biex tiżviluppa l-infrastruttura tat-trasport tar-Russja. Hija l-akbar kumpanija tal-kiri tat-trasport fir-Russja. Fl-2025, il-portafoll ta' lokazzjoni ta' GTLK ġie vvalutat għal RUB 2.9 triljun, u għandha kumpaniji sussidjarji fil-Lvant Nofsani, fl-Asja u fl-Ewropa. GTLK stabbiliet għaliha nnifisha l-għan li toħloq flotta ta' droni, importati miċ-Ċina biex twestaq missjonijiet ta' sorveljanza mill-ajru. GTLK nediet programm nazzjonali għal-lokazzjoni ta' droni u pprovdiet l-ewwel droni fl-2024. Il-volum ippjanat ta' investimenti fil-produzzjoni ta' droni fl-2024-2026 huwa ta' RUB 34 biljun. F'April 2025, GTLK nediet suq għal droni bit-titlu "Naletay.RF". GTLK hija entità legali, li tappoġġa finanzjarjament lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa u tibbenefika minnu, li hija responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.</p>	8.4.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
		Entitajiet assoċjati: GTLK Europe, GTLK Asia, GTLK Middle East Tel: (495) 221-00-12 8-800-200-12-99 Email: gtlk@gtlk.ru Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 7720261827 Numru tal-OMI: 5213962		

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
94.	<p>Nizhnekamsk All-Steel Tyre Plant, LLC (bir-Russu: ООО Нижнекамский завод грузовых шин)</p>	<p>Indirizz: 423580, Nizhnekamsk, industrial zone no. 96, office 1, Republic of Tatarstan, Russia Tel: +7 (8555) 49-73-40 Email: nkastp@tatneft.ru Post tar-reġistrazzjoni: 423580, Nizhnekamsk, industrial zone, Republic of Tatarstan, Russia Data tar-reġistrazzjoni: 15.1.2007 Numru tar-Reġistrazzjoni: SRN/OGRN 1071651000035 KPP 165101001 TIN/INN 1651049488</p>	<p>Nizhnekamsk All-Steel Tyre Plant tiproduci tajers magħmulin għalkollox mill-azzar. Kienet kumpanija subordinata ta' Tatneft. Il-prodotti tagħha jiġu fornuti lill-Ministeru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa. Fl-1 ta' Ġunju 2022, Nizhnekamsk All-Steel Tyre Plant inbiegħet lil JSC Tatneftekhinvest-holding. Il-bejgħ kien jinkludi wkoll MC Tatneft-Neftekhim, Trade House Kama, Nizhnekamskshina, fost oħrajn.</p> <p>Hija timmanifattura t-tajers KAMA NU402, li jiġu mmuntati fuq il-vetturi ta' mobbiltà tal-infanterija Tigr li jgħorru missili mobbli Kornet kontra t-tankijiet. Il-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa użaw vetturi ta' mobbiltà tal-infanterija Tigr u missili mobbli Kornet kontra t-tankijiet matul l-aggressjoni militari mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna. Kama Tyres, il-grupp ta' kumpaniji li tappartjeni għalih Nizhnekamsk All-Steel Tyre Plant, qed tipprovdi appoġġ finanzjarju u materjali, inkluż tagħmir tattiku, lis-soldati Russi mobilizzati fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna.</p>	3.6.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elekar
		Entitajiet assoċjati: Trading House KAMA Management Company Tatneft-Neftekhim Nizhnekamskshina	Għaldaqstant, hija responsabbli għall-fatt li appoġġat materjalment azzjonijiet li dgħajfu jew heddeu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk, hija qed tappoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna.	

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
95.	PJSC Nizhnekamskshina (bir-Russu: ПАО 'Нижнекамскшина')	<p>Indirizz: 423570, Republic of Tatarstan, Nizhnekamsk, Industrial Zone, building 116, building 1, Russian Federation</p> <p>Tel: +8 555 49-79-30</p> <p>Faks: + 8 555 24-15-70</p> <p>Sit web: https://shina-kama.ru</p> <p>Email: nksh@kamatyres.com</p> <p>Entitajiet assoċjati:</p> <p>Tatneft</p> <p>Trading House KAMA Management Company</p> <p>Tatneft-Neftekhim</p> <p>Nizhnekamsk All-Steel Tyre Plant</p>	<p>Nizhnekamskshina hija l-manifattur ewlieni tat-tajers fir-Russja. Kienet kumpanija subordinata ta' Tatneft. Fl-1 ta' Ġunju 2022 Nizhnekamskshina nbiegħet lil JSC Tatneftekhinvest-Holding. Tipproduċi tajers tal-marki KAMA u Viatti. Il-prodotti tagħha jinkludu tajers b'użu doppju u militari forniti lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Timmanifattura tajers immuntati fuq il-vetturi armati K4386 Typhoon-VDV. Il-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa użaw vetturi armati K4386 Typhoon-VDV matul il-gwerra tar-Russja ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna kontra l-Ukrajna. Barra minn hekk Nizhnekamskshina tappoġġa materjalment u finanzjarjament lill-impjegati mobilizzati għall-gwerra fl-Ukrajna.</p> <p>Għaldaqstant, Nizhnekamskshina hija responsabbli għall-fatt li appoġġat materjalment azzjonijiet li dgħajfu jew hedded l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk, hija qed tappoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna.</p>	3.6.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
131.	<p>Liberal Democratic Party of Russia</p> <p>magħruf wkoll bħala LDPR</p> <p>(bir-Russu: Либерально-демократическая партия России</p> <p>a.k.a. ЛДПР)</p>	<p>Indirizz: 1st Basmanny Lane, building 3, entrance 1, Moscow 107045, Russian Federation</p> <p>Tel: +7 (495) 530-62-62</p> <p>Indirizz legali: Lukov Lane, Building 9, app 1, Moscow, Russian Federation</p> <p>Sit web: https://ldpr.ru/</p> <p>Email: office@ldpr.ru</p> <p>OGRN: 1027739646550</p> <p>INN: 7708192743</p>	<p>Liberal Democratic Party of Russia huwa partit politiku Russu. Dan appoġġa l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u appoġġa l-annessjoni illegali u mhux rikonoxxuta tar-reġjuni Ukreni ta' Donetsk, Luhansk, Zaporizhzhia u Kherson mir-Russja. Stabbilixxa wkoll diversi ferġhat reġjonali fit-territorji okkupati tal-Ukrajna.</p> <p>Għaldaqstant, hija responsabbli għall-fatt li appoġġat materjalment azzjonijiet li dgħajfu jew heddeu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p>	16.12.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elekar
132.	Just Russia – Patriots – For Truth (bir-Russu: 'Справедливая Россия – Патриоты – За правду')	Indirizz legali: Varshavskoe shosse, bldg. 47, apartment 4, Moscow, Russian Federation Indirizz għall-korrispondenza: 14 Akademika Pilugina str., entr. 2, 117393, Moscow, Russian Federation Tel: +7 495 787 85 15 Sit web: https://spravedlivo.ru/main Email: info@spravedlivo.ru OGRN: 1027746003438 INN: 7703367439	Just Russia – Patriots – For Truth huwa partit politiku Russu. Dan appoġġa l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u appoġġa l-annessjoni illegali u mhux rikonoxxuta tar-reġjuni Ukreni ta' Donetsk, Luhansk, Zaporizhzhia u Kherson mir-Russja. Stabbilixxa wkoll diversi ferġhat reġjonali fit-territorji okkupati tal-Ukrajna. Għaldaqstant, hija responsabbli għall-fatt li appoġġat materjalment azzjonijiet li dgħajfu jew heddeu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	16.12.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
137.	<p>"JSC MACHINE BUILDING COMPANY "VITYAZ""</p> <p>(bir-Russu: АО 'МАШИНОСТРОИТЕЛЬНАЯ КОМПАНИЯ 'ВИТЯЗЬ')</p>	<p>Indirizz: 2 Industrialnoe sh., Ishimbai city, Republic of Bashkortostan, Russian Federation (HQ)</p> <p>Numru tar-Reġistrazzjoni: 1050202782277</p> <p>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 0261013879</p> <p>Tel: +7 347 942-47-87</p> <p>Email: vityaz@bolotohod.ru</p> <p>Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti</p>	<p>"JSC MACHINE BUILDING COMPANY "VITYAZ"" (jew JSC VITYAZ) hija kumpanija Russa involuta fl-iżvilupp, il-produzzjoni, it-tħaddim u t-tiswija ta' vetturi militari armati. Hija produttur tal-privattiva ta' DT-30 "Vityaz". JSC VITYAZ tippovdi u timmanifattura vettura militari DT-30 "Vityaz" b'żewġ links fuq iċ-ċineġ għal kull xorta ta' terren għall-Forzi Armati Russi, li tintuża fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna.</p> <p>Għalhekk JSC VITYAZ hija responsabbili għall-fatt li appoġġat materjalment azzjonijiet li dgħajfu jew heddedw l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p>	16.12.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elekar
142.	JSC VOSTOCHNAIA VERF bir-Russu: AO 'ВОСТОЧНАЯ ВЕРФ' magħrufa wkoll bħala VOSTOCHNAYA VERF JSC	Indirizz: st. Heroes of the Pacific 1, Vladivostok, Primorsky Krai, Russian Federation (HQ) Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Data tar-reġistrazzjoni: 6.8.1994 Numru tar-Reġistrazzjoni: 1022501797064 Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 2537009643 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Numru tal-OMI: 5693799	Il-JSC VOSTOCHNAIA VERF hija kumpanija Russa tal-bini tal-bastimenti. Hija magħrufa wkoll bħala l-komanifattur ta' tipi speċifiċi ta' vapuri għall-qrid tal-mini, varjetà ta' biċċiet tal-baħar għall-ġarr ta' suldati minn fuq l-ilma għal fuq l-art (bħall-Proġett 11770). Sorsi pubbliċi jindikaw li xi biċċiet tal-baħar għall-ġarr ta' suldati mill-JSC VOSTOCHNAIA VERF kienu wżati matul il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Il-JSC VOSTOCHNAIA VERF tippovdi biċċiet tal-baħar manufatturati għall-ġarr ta' suldati minn fuq l-ilma għal fuq l-art lill-Forzi Armati Russi li jintużaw fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Għalhekk, il-JSC VOSTOCHNAIA VERF hija responsabbili għall-appoġġ materjali ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	16.12.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
164.	Russian Navy bir-Russu: Военно-морской флот magħrufa wkoll bħala Russian Govt Navy	Indirizz: Frunzenskaya Naberezhnaya 22, Moscow, 119160 Russia Tel: +7 (968) 766-17-67 Sit web: https://structure.mil.ru/structure/forces/navy.htm Email: ps-vmf@mil.ru Numru tal-OMI: 4255683	Ir-Russian Navy hija l-forza marittima tal-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa. L-unitajiet tar-Russian Navy ħadu sehem fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għaldaqstant, hija responsabbli għall-fatt li appoġġat materjalment azzjonijiet li dgħajfu jew heddeu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna.	16.12.2022


	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
206.	<p>FSUE Atomflot</p> <p>bir-Russu: Федеральное Государственное Унитарное Предприятие Атомного Флота</p> <p>magħrufa wkoll bħala ФГУП Атомфлот</p> <p>magħrufa wkoll bħala Atomflot</p> <p>magħrufa wkoll bħala Rosatomflot</p>	<p>Post tar-reġistrazzjoni: Murmansk, Russian Federation (Murmansk region, city of Murmansk, ter. Murmansk-17, 1)</p> <p>Data tar-reġistrazzjoni: 6.12.2002</p> <p>Numru tar-Reġistrazzjoni: 5192110268 (Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa)</p> <p>Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation</p> <p>Numru tal-OMI: 1451236</p>	<p>Atomflot hija kumpanija Russa li żżomm il-flotta Russa ta' tkissir tas-silġ. Il-flotta tat-tkissir tas-silġ ġestita minn Atomflot hija mfassla speċifikament biex tissodisfa l-oġġettivi tat-trasport marittimu tar-Russja tul ir-Rotta tal-Baħar tat-Tramuntana – ir-rotta l-qasira tal-Artiku bejn l-Ewropa u l-Asja. Ir-Rotta tal-Baħar tat-Tramuntana rriżultat bħala opportunità strateġika ġdida biex jiġu żblukkati u monetizzati r-riżervi vasti taż-żejt u l-gass tar-Russja fl-Artiku, u b'hekk tipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-gvern tal-Federazzjoni Russa. Hekk kif l-esportazzjonijiet taż-żejt u tal-gass qed jiċċaqalqu mill-Ewropa għall-Asja bħala riżultat tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukranja u s-sanzjonijiet sussegwenti mill-Punent, il-flotta Russa ta' tkissir tas-silġ hija kruċjali għall-istrateġija tal-pajjiż dwar l-idrokarburi tal-Artiku. Sabiex jiġu skortati tankers taż-żejt u tal-gass fuq il-vjaġġ ħafna itwal u aktar diffiċli mill-peniżoli ta' Yamal u Gydan lejn l-Asja, minflok ir-rotta ħafna iqsar u inqas mimlija silġ lejn l-Ewropa, ir-Russja tiddependi fuq il-flotta ta' tkissir tas-silġ imħaddma bl-enerġija nukleari ta' Atomflot.</p>	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-eljenkar
			<p>Għalhekk, Atomflot hija entità li tappoġġa, materjalment jew finanzjarjament, jew tibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna. Barra minn hekk, Atomflot hija entità involuta f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna.</p>	

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
209.	SUN Ship Management (D) Ltd. magħrufa wkoll bħala SUN Ship Management	<p>Post tar-reġistrazzjoni: Dubai, United Arab Emirates (Unit OT 17-32, Level 17, Central Park Offices, Dubai International Financial Centre, Dubai, PO Box 507065, United Arab Emirates)</p> <p>Data tar-reġistrazzjoni: 2.8.2012</p> <p>Numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa: 1244</p> <p>Post prinċipali tan-negozju: United Arab Emirates, Russian Federation, European Union</p> <p>Entitajiet assoċjati: PAO Sovcomflot (kumpanija omm)</p> <p>Numru tar-Reġistrazzjoni: 11440513</p> <p>Numru tal-OMI: 5897756</p>	<p>SUN Ship Management (D) Ltd., li qabel kienet magħrufa bħala SCF Management Services (Dubai) Ltd., hija kumpanija tal-ġestjoni tal-bastimenti bbażata f'Dubai, li tagħmel parti minn PAO Sovcomflot (SCF Group), l-akbar kumpanija tat-tbaħħir tar-Russja, li tispċjalizza fit-trasport ta' gass likwifikat, żejt grezz u prodotti tal-petroleum, kif ukoll is-servizzjar fir-rigward tal-produzzjoni ta' enerġija offshore upstream. SUN Ship Management (D) Ltd timmaniġġa u topera flotta ta' kważi mitt bastiment taż-żejt, tal-gass naturali likwifikat u tal-kimika, b'kapaċità ta' aktar minn 150 000 tonnellaġġ ta' piż mejjet. Mill-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, SUN Ship Management (D) Ltd. kienet qed topera bħala waħda mill-kumpaniji ewlenin li jimmanniġġaw u joperaw it-trasport marittimu taż-żejt Russu. Huwa importanti l-fatt li, bħala parti mill-kumpanija tat-tbaħħir statali Russa PAO Sovcomflot, il-Federazzjoni Russa hija l-benefiċjarju aħħari tas-servizzi offruti minn SUN Ship Management (D) Ltd. Tali servizzi jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-gvern tal-Federazzjoni Russa, li jammonta għal aktar minn 70 % tad-dħul mill-enerġija tar-Russja, u b'hekk jippermettu lill-Kremlin jiffinanzja l-gwerra ta' aggressjoni tiegħu kontra l-Ukrajna.</p>	25.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
			<p>Għaldaqstant, SUN Ship Management (D) Ltd. hija entità li tappoġġa, materjalment u finanzjarjament, lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Barra minn hekk, SUN Ship Management (D) Ltd. hija entità involuta f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa.</p>	

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-ejenkar
250.	LLC MirTelecom (ООО Миртелеком)	Indirizz: 295017, Crimea, Simferopol, Komsomolskaya st., house 6 apartment 40, room 11; Crimea, Simferopol, Lineynaya str., building 2, office 2 Tip ta' entità: Kumpanija b'Responsabbiltà Limitata Post tar-reġistrazzjoni: Crimea Data tar-reġistrazzjoni: 9.6.2022 Numru tar-Reġistrazzjoni: 1229100007366 Post prinċipali tan-negozju: Ir-reġjuni okkupati mir-Russja ta' Zaporizhzhia u Kherson	LLC MirTelecom hija kumpanija tat-telekomunikazzjoni Russa li ttiprovdi servizzi tat-telekomunikazzjoni fir-reġjuni okkupati mir-Russja ta' Zaporizhzhia u Kherson. LLC MirTelecom kisbet 10 liċenzji mill-awtoritajiet Russi biex ttiprovdi diversi servizzi ta' telekomunikazzjoni fir-Russja u fir-reġjuni annessi illegalment ta' Zaporizhzhia u Kherson, il-Krimea u Sevastopol. Is-servizzi ta' LLC MirTelecom jipprovdu appoġġ għall-amministrazzjonijiet militari-ċivili Russi u l-attivitajiet illegali tagħhom. Għalhekk, LLC MirTelecom qed tappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk, qed tappoġġa u tibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna.	18.12.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-eljenkar
		Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 9102282270 KRP: 910201001 Tel: +7 (978) 915-54-07 Email: mirtelecom@ro.ru , tdi@mir-telecom.ru , info@mir-telecom.ru Sit web: https://mirtelecom.org/ru/kontakty/		


	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
251.	<p>JSC SPECIAL DESIGN BUREAU OF TRANSPORTMECHANICAL ENGINEERING</p> <p>magħrufa wkoll bħala JSC Spetsmash</p> <p>(АО "СПЕЦИАЛЬНОЕ КОНСТРУКТОРСКОЕ БЮРО ТРАНСПОРТНОГО МАШИНОСТРОЕНИЯ"</p> <p>magħrufa wkoll bħala АО "Спецмаш")</p>	<p>Indirizz: Russian Federation, St. Petersburg, 47 Stachek Ave., building 2</p> <p>Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti</p> <p>Post tar-reġistrazzjoni: St. Petersburg, Russian Federation</p> <p>Data tar-reġistrazzjoni: 10.12.1992</p> <p>Numru tar-Reġistrazzjoni: 1027802749061</p> <p>Post prinċipali tan-negozju: St. Petersburg, Russian Federation</p> <p>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 7805019624</p> <p>KPP: 910201001</p>	<p>JSC Special Design Bureau of Transport Mechanical Engineering hija wieħed mill-kumplessi industrijali u ta' difiża tar-Russja li jiżviluppa u jimmanifattura vetturi militari u bi skop speċjali. JSC Special Design Bureau of Transport Mechanical Engineering twaqqfet fl-Impjant ta' Kirov u għandha l-faċilitajiet kollha meħtieġa għar-riċerka, l-iżvilupp u l-ittestjar ta' vetturi militari. JSC Special Design Bureau of Transport Mechanical Engineering indirettament hija proprjetà tal-Korporazzjoni Statali Rostec.</p> <p>JSC Special Design Bureau of Transport Mechanical Engineering tiżviluppa u timmodernizza l-karru armat ewlieni T-80, l-artillerija awtopropulsiva 2S7 "Pion" u l-verżjoni mtejbja tagħha 2S7M "Malka", u x-xażi għas-sistema ta' difiża tal-ajru S-300V. Dawk il-magni militari tqal jintużaw fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Il-karrijiet armati ewlenin, l-artillerija awtopropulsiva u s-sistemi ta' difiża tal-ajru prodotti minn JSC Special Design Bureau of Transport Mechanical Engineering jipprovdu kapaċitajiet ta' għied u qawwa tan-nar lill-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa.</p>	18.12.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
		Sit web: www.specmash-kb.com Tel: +7 (812) 320-08-23 Email: specmash@specmash-kb.com	Għalhekk, JSC Special Design Bureau of Transport Mechanical Engineering qed tappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	


	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elekar
256.	<p>JSC DESIGN OFFICE FOR SHIPBUILDING VYMPTEL</p> <p>magħrufa wkoll bħala JSC DO Vympel</p> <p>(АО КОНСТРУКТОРСКОЕ БЮРО ПО ПРОЕКТИРОВАНИЮ СУДОВ "ВЫМПЕЛ"</p> <p>magħrufa wkoll bħala АО КБ "Вымпел")</p>	<p>Indirizz: Russian Federation, Nizhny Novgorod region, Nizhny Novgorod, st. Nartova, d. 6 k. 6, room 25 cab. 96</p> <p>Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti</p> <p>Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation, Nizhny Novgorod region, Nizhny Novgorod, st. Nartova, d. 6 k. 6, room 25 cab. 96</p> <p>Data tar-reġistrazzjoni: 4.5.1993</p> <p>Numru tar-Reġistrazzjoni: 1025203018708</p>	<p>JSC Design Office for Shipbuilding Vympel (JSC DO Vympel) hija waħda mill-kumplessi industrijali u ta' difiża tar-Russja li jibni firxa wiesgħa ta' vapuri ta' diversi klassijiet u skopijiet, inkluż trasportaturi navali, tankers u bastimenti ta' appoġġ għall-Forza Navali Russa. JSC DO Vympel hija parti mill-kumpanija tal-Istat tal-bini tal-vapuri JSC United Shipbuilding Corporation.</p> <p>JSC DO Vympel tiżviluppa u tibni varjetà estensiva ta' vapuri u bastimenti strateġikament importanti għall-industrija Russi. Barra minn hekk, JSC DO Vympel tibni bastimenti ta' appoġġ għall-Forza Navali Russa, li qed tieħu sehem attiv fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Is-sħab ewlenin ta' JSC DO Vympel huma kumpaniji Russi tal-bini tal-vapuri li jappartjenu għall-konglomerat tal-bini tal-bastimenti tal-Istat JSC United Shipbuilding Corporation.</p>	18.12.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-eljenkar
		Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation, Nizhny Novgorod region, Nizhny Novgorod Sit web: https://www.vympel.ru/ , https://www.list-org.com/company/14072 Tel: +7 (831) 433-41-49 Email: info@vympel.ru Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 5260001206 KRP: 504001001	Għalhekk, JSC DO Vympel qed tappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
261.	<p>LLC "OBORONLOGISTIKA" bir-Russu: ООО 'ОБОРОНЛОГИСТИКА' magħrufa wkoll bħala OBORONLOGISTICS LLC magħrufa wkoll bħala OBL-Shipping LLC</p>	<p>Indirizz: 28 Goncharnaya St., Moscow, 115172, Russian Federation Tip ta' entità: Kumpanija b'Responsabbiltà Limitata Post tar-reġistrazzjoni: Moscow, Russian Federation Data tar-reġistrazzjoni: 18.8.2011 Numru tar-Reġistrazzjoni: 1117746641572</p>	<p>LLC Oboronlogistika hija kumpanija tat-tbaħħir stabbilita taħt il-Ministeru għad-Difiża Russu. Billi tipparteċipa fil-provvista ta' tagħmir militari lill-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa, LLC Oboronlogistika qed tappoġġa b'mod materjali azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p>	18.12.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-eljenkar
		Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Tel: +7 (499) 608-89-93 Faks: +7 (499) 608-90-03 Sit web: https://obl.ru/ Email: info@obl.ru Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 7718857267 KRP: 770501001 Numru tal-OMI: 5906931		

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elekar
263.	<p>RFNC – All-Russia Research Institute of Technical Physics named after Academician E.I. Zababakhin</p> <p>magħrufa wkoll bħala Federal State Unitary Enterprise 'RFNC-All-Russian Research Institute of Technical Physics named after Academician E.I. Zababakhin'</p> <p>magħrufa wkoll bħala FSUE 'RFNC-VNIITF named after Akadem. E.I. Zababakhina'</p>	<p>Indirizz: Russian Federation, 456770, Chelyabinsk region, city of Snezhinsk, st. Vasilyeva, 13</p> <p>Tip ta' entità: Intrapriża Unitarja tal-Istat Federali</p> <p>Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation</p> <p>Data tar-reġistrazzjoni: 17.12.1992</p> <p>Numru tar-Reġistrazzjoni: 1027401350932</p> <p>Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation</p>	<p>RFNC – All-Russia Research Institute of Technical Physics named after Academician E.I. Zababakhin (FSUE RFNC-VNIITF) twettaq riċerka fil-qasam tal-armi u t-tagħmir militari. L-attivitajiet ewlenin tagħha jinkludu l-iżvilupp ta' materjali splussivi għal skopijiet militari u industrijali u l-iżvilupp ta' testati mhux nukleari u munizzjon għal armi mhux nukleari u tagħmir militari. Il-Micro Data Center tal-FSUE RFNC-VNIITF isolvi problemi komputazzjonali fil-militar u jfassal prodotti ta' difiża ta' teknoloġija avvanzata.</p> <p>Għalhekk, FSUE RFNC-VNIITF qed tappoġġa materjalment u tibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna.</p>	18.12.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
	<p>magħrufa wkoll bħala RFNC-VNIITF / VNIITF (РФЯЦ – Всероссийский научно-исследовательский институт технической физики им. Забабахина</p> <p>magħrufa wkoll bħala Федеральное Государственное Унитарное Предприятие 'РФЯЦ – Всероссийский Научно-Исследовательский Институт Технической Физики имени Академика Е.И. Забабахина'</p> <p>magħrufa wkoll bħala ФГУП 'РФЯЦ – ВНИИТФ им. Академ. Е.И. Забабахина'</p> <p>magħrufa wkoll bħala РФЯЦ – ВНИИТФ/ВНИИТФ)</p>	<p>Informazzjoni addizzjonali: INN/KPP 7423000572 / 745901001</p> <p>Sit web: https://vniitf.ru/</p> <p>Email: vniitf@vniitf.ru</p> <p>Tel: 8 (351-46) 5-51-20, 5-43-67</p> <p>Faks: 8 (351-46) 5-22-33, 5-55-66</p>		

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
296.	LLC Mayak (OOO "МАЯК")	<p>Indirizz: Perova Poly proezd 9, building 1, Moscow, Russian Federation</p> <p>Tip ta' entità: Kumpanija b'Responsabbiltà Limitata</p> <p>Post tar-reġistrazzjoni: Perova Poly proezd 9, building 1, Moscow, Russian Federation</p> <p>Data tar-reġistrazzjoni: 3.11.2015</p> <p>Numru ta' reġistrazzjoni (OGRN): 5157746008195</p> <p>NIT: 7722344853</p> <p>Tel: +7 (495) 212-15-37</p> <p>Post prinċipali tan-negozju: Moscow, Russian Federation</p>	<p>LLC Mayak hija bejjiegħ bl-ingrossa bbażat fir-Russja. Il-kumpanija hija involuta fl-"importazzjoni parallela" lejn ir-Russja ta' oġġetti soġġetti għall-miżuri restrittivi tal-Unjoni. Dawn l-oġġetti jiġu importati mingħajr il-kunsens tal-manifattur. Għalhekk, LLC Mayak qed tfixkel b'mod sinifikanti d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 833/2014.</p>	18.12.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
297.	<p>AST JSC magħrufa wkoll bħala Aktsionerhoe Obshchestvo AST</p> <p>magħrufa wkoll bħala AO AST</p> <p>magħrufa wkoll bħala AO ACT</p> <p>magħrufa wkoll bħala Advanced Systems Technologies (Акционерное Общество ACT)</p>	<p>Post tar-reġistrazzjoni: Moscow, Russian Federation</p> <p>Indirizz Postali: 115230, Moscow, Kashirskoye Shosse, 3K2STR4, floor 5, room 55.</p> <p>Indirizz: 123242, Russia, Moscow, Kapranov Lane, 3s2, Premier Plaza Business Center</p> <p>Indirizz: 119435, Moscow, Savvinskaya Embankment, 15, Business Center "Japanese House"</p> <p>Data tar-reġistrazzjoni: 9.7.2002</p> <p>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 7724244406</p>	<p>AST JSC hija entità li topera fis-settur Russu tal-IT, inkluż fil-qasam tas-sigurtà tal-IT u l-iżvilupp sperimentali tal-kompjuters. AST JSC għandha liċenzja amministrata mill-Ministeru Russu għall-Industrija u l-Kummerċ, kif ukoll liċenzja amministrata mis-Servizz Federali tas-Sigurtà tal-Federazzjoni Russa (Federal Security Service, FSB).</p> <p>Il-liċenzja amministrata mill-Ministeru Russu għall-Industrija u l-Kummerċ tkopri l-iżvilupp, il-produzzjoni, l-ittestjar, l-installazzjoni, il-manutenzjoni, ir-rimi u l-bejgħ ta' armi u tagħmir militari. Il-liċenzja tal-FSB tinħareġ lil kumpaniji tal-IT li jiżviluppaw teknoloġija ta' kriptaġġ u kriptografija, sistemi ta' informazzjoni u sistemi ta' telekomunikazzjoni għas-servizzi tal-intelligence Russi, kif ukoll kumpaniji tal-IT li jiżviluppaw sistemi ta' ġestjoni ta' bażijiet ta' data personali għas-servizzi tas-sigurtà Russi (jiġifieri għodod imfassla speċifikament biex jaħżnu, jirkupraw u jimmaniġġaw ammonti kbar ta' data miksuba permezz ta', pereżempju, scraping tal-media soċjali jew prattiki oħra ta' għbir ta' intelligence).</p>	18.12.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elekar
		Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Numru tar-Reġistrazzjoni: 1027724000094 Tel: 8 495 679-86-86 Email: hello@acti.ru Sit web: www.acti.ru	Għalhekk, AST JSC tikkonstitwixxi entità li topera fis-settur Russu tal-IT b'liċenzja amministrata miċ-Ċentru tal-FSB għall-Għoti ta' Liċenzji, iċ-Ċertifikazzjoni, u l-Ħarsien tas-Sigrieti tal-Istat u liċenzja ta' "armi u tagħmir militari" amministrata mill-Ministeru Russu għall-Industrija u l-Kummerċ.	

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elekar
299.	<p>JSC Beto</p> <p>magħrufa wkoll bħala Bashkir Electronic Telecommunication Association</p> <p>(АО "Бэто"</p> <p>magħrufa wkoll bħala АКЦИОНЕРНОЕ ОБЩЕСТВО "БЭТО"</p> <p>magħrufa wkoll bħala Башкирское электронно-телекоммуникационное объединение)</p>	<p>Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation (450022, Republic of Bashkortostan, Ufa city, Mendeleev Street, 134)</p> <p>Data tar-reġistrazzjoni: 12.8.2002</p> <p>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 0274068924</p> <p>Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation</p> <p>Numru tar-Reġistrazzjoni: 1020202551423</p> <p>Tel: +7 (347) 252-15-32, +7 (347) 252-21-63, +7 (987) 257-16-06</p> <p>Email: beto@ufacom.ru</p>	<p>JSC Beto hija intrapriża militari-industrijali Russa li tiżviluppa sistemi ta' telekomunikazzjoni, inkluż riċevituri tar-radju, li huma użati mill-Forzi Armati Russi. JSC Beto għandha diversi kuntratti mal-Ministeru għad-Difiża Russu u mad-Dipartiment tal-Provvista Materjali u Teknika fil-Ministeru għall-Affarijiet Interni tal-Federazzjoni Russa. Għalhekk, JSC Beto qed tappoġġa materjalment u tibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna.</p>	18.12.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
302.	<p>Lebedev Institute of Precision Mechanics and Computer Engineering</p> <p>magħruf ukoll bħala IPMCE</p> <p>magħruf ukoll bħala ITMIVT JSC</p> <p>magħruf ukoll bħala Joint Stock Company "Institute of Precision Mechanics and Computing Equipment Named After S.A. Lebedev of the Russian Academy of Sciences"</p> <p>magħruf ukoll bħala Institute of Precision Mechanics and Computing Equipment Named After S.A. Lebedev of the Russian Academy of Sciences</p>	<p>Post tar-reġistrazzjoni: Moscow, Russian Federation</p> <p>Data tar-reġistrazzjoni: 3.8.2009</p> <p>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 7736605544</p> <p>Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation</p> <p>Numru tar-Reġistrazzjoni: 1097746419979</p> <p>Sit web: www.ipmce.ru</p>	<p>Il-Lebedev Institute of Precision Mechanics and Computer Engineering huwa entità li topera fis-settur Russu tal-IT, inkluż fil-qasam tal-iżvilupp tal-kompjuter u tas-semikondutturi. Il-Lebedev Institute of Precision Mechanics and Computer Engineering huwa proprjetà tal-Federazzjoni Russa. Id-drittijiet tal-azzjonisti huma eżerċitati mill-Federal Property Management Agency. Il-Lebedev Institute of Precision Mechanics and Computer Engineering għandu liċenzja amministrata mill-Ministeru Russu għall-Industrija u l-Kummerċ, kif ukoll liċenzja amministrata mis-Servizz Federali tas-Sigurtà tal-Federazzjoni Russa (FSB). Il-liċenzja amministrata mill-Ministeru Russu għall-Industrija u l-Kummerċ tkopri l-iżvilupp, il-produzzjoni, l-ittestjar, l-installazzjoni, il-manutenzjoni, ir-rimi u l-bejgħ ta' armi u tagħmir militari. Il-liċenzja tal-FSB tinħareġ lil kumpaniji tal-IT li jiżviluppaw teknoloġija ta' kriptaġġ u kriptografija, sistemi ta' informazzjoni, u sistemi ta' telekomunikazzjoni għas-servizzi tal-intelligence Russi, kif ukoll kumpaniji tal-IT li jiżviluppaw sistemi ta' ġestjoni ta' bażijiet ta' data personali għas-servizzi tas-sigurtà Russi (jiġifieri għodod imfassla speċifikament biex jaħżnu, jirkupraw u jimmaniġġaw ammonti kbar ta' data miksuba permezz ta', pereżempju, scraping tal-media soċjali jew prattiki oħra ta' ġbir ta' intelligence).</p>	18.12.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-ejenkar
